**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Gunju, 2024

Rikors Ġuramentat: 282/2013 AL

**B A**

**vs**

**B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] datat 27 ta' Diċembru 2013 li permezz tiegħu l-attur ppremetta kif ġej:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar il-25 ta' Gunju 2005 u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal D B li twieled nhar il-14 ta' Jannar 2006 u E B li twieldet nhar il-4 ta' Lulju 2010.*

[1] Fol. 1.

*Illi ghal ragunijiet validi skond il-ligi, il-partijiet isseparaw minn ma' xulxin u s-separazzjoni taghhom hija regolata permezz ta' kuntratt ta' Separazzjoni datat 5 ta' Novembru 2012.*

*Illi permezz ta' l-istess Kuntratt, il-partijiet ftehmu illi il-kura u l-kustodja tal-minuri tibqa' kongunta bejn il-partijiet filwaqt illi jirrisjedu ma' l-Omm.*

*Illi ai termini ta' l-Artikolu 5.7 tal-Kuntratt, ir-rikorrent inghata dritt ta' access ampju u liberu u f'kaz ta' nuqqas ta' qbil, access kuljum mill-erbgha ta' wara nofsinhar sas-sebgha u nofs ta' filghaxija mit- Tnejn sal-Gimgha u mit-tmienja ta' filghodu sal-hdax ta' filghaxija kull nhar ta' Sibt u Hadd bi sleepover mill-Gimgha sas-Sibt. Il-partijiet effettivame t bdew japplikaw l-access skond dawn il- granet u hinijiet.*

*Illi ir-rikorrent jikkonferma illi huwa qabel illi t-tfal ikomplu jirrisjedu mal-Mara wara s-separazzjoni unikament ghaliex hija kienet weghditu illi kienet ser tirrisjedi ma' missierha wara s-separazzjoni.*

*Illi ftit gimghat biss wara s-separazzjoni, l-intimata telqet mir-residenza ta' missierha u marret tghix wahedha gewwa Hal Tarxien. L-intimat qatt ma nghata dettalji ta' fejn kienet qed tghix u dan nonostante li kellha t-tfal maghha.*

*Illi ftit xhur wara, l-intimata telqet ukoll mir-residenza taghha gewwa Hal Tarxien u marret tghix gewwa Marsascala - dan kollu a skapitu u bi pregudizzju ghat-tfal li kienu mgeghla jbiddlu mhux biss ir-residenza izda sahansitra l-iskola taghhom diversi drabi.*

*Illi jigi sottolineat illi kull darba illi l-intimata biddlet ir-residenza taghha, hija biddlet ukoll l-iskejjel tat-tfal u attivitajiet ohra b'dan illi kkreat nuqqas ta' stabilita' fil-hajja taghhom. Hekk ukoll it-tibdiliet kontinwi fir-residenza taghha saru minn lejl ghal nhar minghajr ebda pre-avviz lill-esponent.*

*Illi ghalkemm ftit wara s-separazzjoni l-access kien qed jigi ezercitat skond il-kuntratt, l-agir ta' l-intimata ippeggjora minnufih b'dan illi hija spiss kienet tinforma lill-intimat b'sms ta' ftit kliem jew telefonata ta' ftit sekondi illi hu kellu jiehu it-tfal jorqdu ghandu fi granet mhux stipulati fil-kuntratt jew f'hinijiet addizzjonali mhux stipulati fil-kuntratt u wara li*

*tinfurmah dan, titfi il-mobile sabiex huwa ma jkunx jista' jirrispondi jew jopponi. Kien hemm ukoll okkazzjonijiet fejn ir-rikorrent kien jiehu t-tfal lura fir-residenza ta' l-intimata izda hija ma kenitx tkun id-dar u ma kenitx tinfurmah b'dan. Dan kif evidenzjat fir-rapport datat 21 ta' Gunju 2013 kopja annessa.*

*Illi incidenti ta' din in-natura kienu jigru spiss u minn Gunju 'il quddiem saru frekwenti tant illi ir-rikorrent ma setax ikompli jmur jaghmel rapport kull darba li jsehhu anke ghaliex kien ikollu t-tfal mieghu.*

*Illi fl-aħjar interess tat-tfal, ir-rikorrent kien effettivament imur ghat-tfal jew jirritornahom lura ghandu u jiehu hsiebhom ghaliex l-unika alternattiva, kif gieli gara, kien li t-tfal jithallew wahedhom.*

*Illi dan certament kien jikkawza inkonvenjent ghar-rikorrent stante in-necessita' ta' tibdil immedjat fil-pjanijiet tieghu izda huwa dejjem ippospona il-pjanijiet tieghu u ikkunsidra t-tfal bhala priorita' assoluta.*

*Illi apparti l-inkonvenjent ghar-rikorrent, li hija biss kwistjoni sekondarja, l-agir erratiku ta' l-intimata kien ukoll jikkawza konfuzjoni u nuqqas ta' stabilita' fit-tfal li, minn jum ghal jum kienu kostretti jaffaccjaw pjanijiet differenti skond il-pjanijiet u attivitajiet socjali ta' l-intimata.*

*Illi jigi ukoll sottolineat illi l-intimata ghandha problemi serji ta' komunikazzjoni u anke waqt iz-zwieg, ir-rikorrent kif ukoll il-familjari tieghu ittentaw joffrulha ghajnuna professjonali izda hija dejjem irrifjutat.*

*Illi hekk ukoll, ai termini ta' l-Artikolu ir-rikorrent kien qed ihallas Euro 150 ghal kull wild kull xahar.*

*Illi f'Settembru 2013, l-intimata applikat ghall-Medjazzjoni fejn talbet tibdil fil-hinijiet ta' access u tibdil fil-manteniment.*

*Illi l-intimata espremiet ix-xewqa taghha li tahdem u iddikjarat illi kienet sabet xoghol kull nhar ta' Sibt u ghalhekk xtaqet zieda fil-hinijiet ta' access tal-Missier. Hekk ukoll talbet emenda fil-manteniment.*

*Illi da parti tieghu, ir-rikorrent fetah medjazzjoni separata sabiex jitlob konferma permanenti ta' l-istat ta' fatt ta' llum u cioe' sabiex it-tfal ikomplu jirrisjedu mieghu permanentement u ukoll sabiex l-intimata thallas manteniment adegwat bl-arretrati.*

*Illi waqt il-medjazzjoni gie miftiehem illi t-tfal jibdew jirrisjedu mal-missier u fil-fatt minn Settembru sa llum, il-minuri bdew u ghadhom jirrisjedu mal-missier filwaqt li l-intimata qed tinghata access kuljum.*

*Illi jigi ukoll sottolineat illi l-intimata ghadha ma hallset l-ebda manteniment ghall-minuri minn Settembru sa llum u r-rikorrent kellu u ghadu jhallas l-ispejjez kollha relatati mat-tfal. Mill-banda l-ohra, l-intimata ghadha tircevi u zzomm ic-Childrens Allowance (hlief ghal nofs pagament wiehed fl- ammont ta' € 224.90 fl-14 ta' Settembru 2013) u qed tallega ukoll illi nefqet is-somma kollha ta' Euro 27,000 li nghatat lilha mal-kuntratt ta' separazzjoni u ma kellhiex flus sabiex thallas manteniment.*

*Illi ghalkemm it-tfal issa jinstabu stabbli u kuntenti f'din ir-routina, l-intimata regghet biddlet il-hsieb dwar ir-residenza tat-tfal u dan wara illi r-Ragel, gustament, talabha tibda thallas manteniment ghall-minuri.*

*Illi fis-seduta ta' medjazzjoni tad-19 ta' Dicembru 2013, gie sollevat illi l-intimata trid it-tfal lura u ghalhekk ingħalqu il-proceduri ta' medjazzjoni intavolati miz-zewg partijiet rispettivament.*

*Illi nonostante ix-xewqa li l-intimata terga tiehu t-tfal lura jghixu maghha, it-tfal baqghu jirrisjedu mal-missier u l-access ta' l-intimata kien u għadu qed jigi ezercitat bl-iktar mod erratiku fejn tiddetta unilateralment il-hinijiet differenti minn gurnata ghal gurnata (u kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn ma marritx tarahom), tghaddi ghat-tfal meta jidhrilha hi u tiddetta l-istess b'semplici sms jew telefonata ta' ftit sekondi u wara tali komunikazzjoni b'heffa, titfi il-mobile.*

*Illi jigi rilevat ukoll illi l-intimata illum qeghdha tirrisjedi ma' terza persuna, certu F G u sa mill-bidu tas-sajf sa ftit jiem ilu, F G ezercita indhil eccessiv bejn il-partijiet f'dak li jirrigwarda t-tfal.*

*Illi kif deskritt hawn fuq u kif ser jigi ippruvat waqt il-kawza, it-tfal fl-ahhar sena kienu esposti ghal diversi okkazzjonijiet ta' konfuzjoni f'hajjithom u nuqqas ta' stabbilita' u routina ghaliex sfortunatement kellhom jghixu hajjithom minn jum ghal jum skond id-decizjonijiet u l-ezigenzi personali ta' l-intimata.*

*Illi jinghad ukoll illi waqt li l-minuri kienu qed jirrisjedu ma' l-intimata, il-minuri D kien falla l-iskola minghajr ebda raguni valida diversi drabi.*
*Illi filwaqt illi r-rikorrent jirrikonoxxi l-importanza ta' l-intimata fil-hajja tat-tfal, u bl-ebda mod ma jixtieq icahhadhom minn ommhom, jemmen u jikkonferma taht gurament illi fl-umli opinjoni tieghu, ikun fl-ahjar interess tat-tfal illi huma jirrisjedu b'mod permanenti mieghu fejn illum huma ben ambjentati u stabbiliti fil-hajja u r-rutina taghhom illi draw tajjeb.*

*Illi in piu' kemm-il darba it-tfal jghixu mal-missier, huma ma jkunux izjed esposti ghall-inkonsistenzi u t-tibdil kontinwu ta' l-intimata u l-attegjament negattiv tal-partner gdid taghha u b'hekk l-istess intimata tkun libera tikkonduci hajjitha kif u ma min tixtieq hi minghajr ma jkun hemm impatt negattiv fuq it-tfal illi ukoll esprimew kemm-il darba il-fatt illi huma hafna izjed kuntenti jghixu mal-missier. Jizdied jinghad ukoll illi it-tifla minuri E, li ghandha problema ta' speech deficiency, ukoll irregistrat progress sinjifikanti f'dawn l-ahhar xhur kemm ilha tghix mal-missier li ukoll ged johodha ghal kura frekwentement.*

*Illi l-agir u stil ta' hajja erratiku u inkonsistenti ta' l-intimata qieghed johloq instabilita' fit-tfal u kemm-il darba it-tfal jergghu imorru jghixu ma' l-omm, huma jitilfu il-possibilita' li jkollhom hajja stabbli u regolata.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li jaghmel riferenza ghas-suespost jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Artikolu 5.1 tal-kuntratt ta' Separazzjoni datat 5 ta' Novembru 2012 iffirmat bejn il-kontendenti fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit ghandu jigi emendat u t-tfal minuri D u Eh B ghandhom jistabilixxu r-residenza ordinarja taghhom mal-missier A B okkorrendo bl-opera ta' social workers, psikologi u/jew esperti ohra f'dan il-kamp.*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi sussegwentement ghall-ewwel talba, l-Artikolu 5.7 ghandu jigi emendat b'dan illi l-intimata tinghata dritt ta' access ghall-minuri D u E ahwa B f'hinijiet u granet li dina l-Onorabbli jidhrilha xieraq.*

*3. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent ghandu jigi liberat mill-obbligu li jhallas a favur l- intimata manteniment ai termini ta' l-Artikolu 5.13*

*4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata ghandha thallas a favur ir-rikorrent manteniment fis- somma ta' tlett mitt Euro fix-xahar (€300) ghaz-zewg minuri, jew somma ohra verjuri li ghandha tigi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat il-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni annessa;[2]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[3] fejn ġie eċċepit illi:

*Illi in kwantu l-ewwel talba attrici, filwaqt li l-esponenti toggezzjona bil-qawwa kollha ghall-allegazzjonijiet kollha infondati maghmula minn zewgha fir-rikors odjern, l-esponenti qieghda pozizzjoni finanzjarja li tgħaddi l-manteniment tax-xahrejn imsemmijin fl-ewwel talba. L-esponenti f'dan ir-rigward pero thoss il-bzonn li ticcara punt importantissimu kontra l-attakki maghmula minn zewgha, u cioe' illi mill-kuntratt ta' separazzjoni maghmul bejn il-partijiet, in kwantu tinsab iddispjacuta u rrabjata fl-istess hin talli zewgha abbuza mil-fiducja li taghtu sabiex jghinha temporanjament billi jzomm ftit it-tfal taghhom fir-residenza mieghu sakemm hija tirranga l-hinijiet li kellha fl-impieg gdid li sabet, l-esponenti ma inghatat l-ebda forma ta' manteniment minghand zewgha. Minkejja s-somma li zewgha jsemmi meta madwar sentejn ili ghaddiela somma rapprezentanti parti minn sehmha mid-dar matrimonjali fl-ammont ta' Eur27,000 fi flus kontanti dana ma jfissirx li kien ta' serhan il-mohh ghaliha u ghal uliedha. Filwaqt illi tiddikjara li mhux minnu dwar dak allegat minn zewgha, u cioe' li nefqithom f'sena wahda, zzid tghid illi dik is-somma ma bbastatx biex tistrieh fuqha biss u*

---

[2] Kuntratt ta' separazzjoni ffirmat quddiem in-Nutar Dr Jonathan Zammit fil-5 ta' Novembru 2012 a. fol. 7.

[3] Fol. 52.

*dan ghaliex hija flimkien ma' uliedha kienu qieghdin jghixu go post bil-kera u ma setax ikun illi tibqa' taghmel uzu biss mis-somma mghotija lilha. Illi ghal din r-raguni, hija kellha tohrog issib impieg adattat ghaliha sabiex ikollha introjtu diehel u li permezz ta' hekk, meta sabet xoghol bhala waiter spicca biex kellha problema ma' min setghet izzomm t-tfal taghha meta tkun ser ddum xoghol;*

*Illi oltre dawn il-fatti, l-esponenti zzid tistqarr illi mhu minnu xejn illi l-attur zewgha mantna lill-uliedhom wahdu izda pjuttost tirrimarka l-fatt illi uliedha trabbew man-nanniet paterni taghhom minkejja illi l-ftehim ta' bejniethom kien li tafda lill-uliedha ma' missierhom. Dak li naqas izid jghid zewgha lil dina l-Onorabbli Qorti kien l-fatt illi minhabba r-ragunijiet hawn fuq premessi, u cioe illi l-esponenti kellha bzonn tohrog issib impieg, ma qalx kemm kienet tinsab frustrata u mbikkma bil-biza taghha li ma jkolliex ma min thalli t-tfal meta hija ddum xoghol. L-esponenti kulma ghamlet, meta ikkonsultat ma' l-avukat sottorskritt, kienet li accettat li tittanta tiftah medjazzjoni appozitivament sabiex tara tistax titlob ghajnuna temporanja minghand zewgha biex ikun jista' jiehu hsieb ftit it-tfal sakemm tirranga l-hinijiet tax-xoghol taghha bhala waiter. Illi zewg l-esponenti accetta li jzomm t-tfal mieghu sakemm tkun tista tirranga l-hinijiet taghha tax-xoghol;*

*Illi jigi rilevat ili zewg l-esponent kien konsapevoli ghal fatt li l-intenzjoni ta' l-esponenti qatt ma kienet li tabbanduna t-tfal taghha jew li tbiddel il-kundizzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni bejneithom sabiex t-tfal imorru jirrisjedu ma' missierhom sa' l-eta maggorenni taghhom. Anzi ghal-kuntrarju, kulma ghamlet, tat precedenza lil zewgha bhala l-missier ta' uliedhom u b'mod responsabbli ghall-ahhar, ghazlet li l-ewwel ma tikkonsulta jkun zewgha stess fuq l-problema li inqalatilha fuq xoghol u talbet ghalhekk, minghajr persistenza ta' xejn, jekk zewgha setax b'mod temporanju ghall-ahhar jikkolabora maghha biex iserhilha rasha li sakemm tirranga l-hinijiet tax-xoghol, it-tfal qeghdin ta' lanqas fil-kumpanija ta' missierhom flok ta' barranin. Anke jekk professjonisti f'xogholhom bhal child carers jew baby sitters; illi ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel talba ta' l-attur ghandha tigi michuda bl- ispejjez kontra l-istess attur.*

*Illi rigward it-tieni talba attrici, l-esponenti toggezzjona bil-qawwa ghat-talba ta' zewgha illi pendent lite l-minuri D u E ahwa B jkomplu jirrisjedu ma' missierhom fir-residenza tieghu u li b'mod invers jinghatalha access kuljum. Illi din it-talba ta'l-attur hija ghal kollox zleali u abbuziva minna naha tieghu fil-konfront taghha u ta' uliedhom. Illi tirrimarka l-fatt illi zewgha fil-kuntratt ta' separazzjoni u maghtul iz-zmien wara s-separazzjoni it-tfal gew fdati ma' l-esponenti ommhom billi jkollhom r-residenza taghhom ordinarja maghha stess. Illi f'daqqa wahda lejlet il-festi tal-Milied, zewg l-esponenti ghazel illi jahsad lill-esponenti b'rikors urgenti daqshekk serju bl-intenzjoni li jbezzaha u jiehu t-tfal l-boghod minnha billi jipprova jallega lil dina l-Onorabbli Qorti li martu m'ghadiex iktar idonea li tkun omm responsabbli ghall-uliedhom. Dan l-ghagir apparti li wegga hafna lill-esponenti, huwa ghagir kundannabbli għaliex minflok ma zewg l-esponenti ghazel li jghaddilha l- istess rispett reciproku li kienet baqghet zzommt lejh, ghazel li jitradiha b'uliedhom stess;*

*Illi l-esponenti dawn l-ahhar xhur li temporanjament uliedha kienu qiegħdin jirrisjedu man-nanniet paterni u x'imdaqqiet ma' missierhom, kienet kuljum pracett tghaddi ghalihom wara l-club 3-16 (child care centre) u tiehodhom maghha fir-residenza taghha. Tahsilhom, ttihom jieklu, taghmel il- homework maghhom u kif isir il-hin li t-tfal jingabru u hija jkollha tmur ghax-xoghol tihodhom lura ghand missierhom. Illi pjuttost ma kien inbidel xejn fir-rutina li l-esponenti kellha ma' uliedha. Dan ghaliex kif filfatt iddikjarat iktar l-fuq, il-problema taghha kienet li ma kellhiex mamin izzommhom meta xogholha tirrikjedi li ddum. Filwaqt li zewg l-esponenti minhabba impenji lavorattivi ma setax joqghod maghhom wara l-iskola u dik kienet ir-raguni li it-tfal intbghatu f'child care centre. L-esponenti ikkolaborat jekk hekk kien jehtieg u wara l-iskola tghaddi ghalihom. Illi pjuttost tirrimarka l-indhil ta' omm zewg l-esponenti fuq t-tfal taghha u kienet twegga bi kliem fil-konfront ta' l-esponenti meta tmaqdara kif tiehu hsieb t-tfal. Illi filfatt l-partijiet kienu qieghdin jigu ta' spiss f'argumenti bejniethom minhabba l-indhil t'omm zewgha li kienet qed tispicca tiddeciedi hi ghall-uliedhom, meta il-ftehim bejn il-partijiet kien illi t-tfal jiehu hsiebhom zewgha biss;*

*Illi ghalhekk ikun daqstant ingust illi jigi intuzat kontra l-esponenti, wara tmien snin zwieg u wara sentejn li t-tfal ilhom jirrisjedu ma' ommhom, li*

*tigi mghajra li ma tafx tikkomunika u li minhabba skond zewgha 'trobbija lio sfortunatament l-intimata, anke forsi minhabba c-crikostanzi barra mill- kontroll taghha, ma tistax taghmel' jittiehdulha t-tfal. Jekk zewgha primarjament ma setax izomm lill- uliedu ghaliex il-hinijiet lavorattivi tieghu ma jippermettulux seta kien responsabbli u minflok ma jaghmel din il-mossa vendikattiva, kien ikun ferm apprezzat li jkun sincier bizzejjed u jersaq biex jasal ghal ftehim iehor tajjeb ghaz-zewg partijiet. Illi sa qabel ma ittenta jaghmel ir-rikors b'urgenza, qatt qabel ma talab lil-Qorti biex jiehu t-tfal ghandu, minkejja li skond hu martu hija persuna li ma tafx tikkomunika u trabbi lill-uliedha. Kienet anzi mara bizzejjed li tikkomunika l-problema taghha ma zewgha b'mod civili u tghatih precedenza billi tikkonsulta mieghu fl-ahjar interess ta' uliedha!!!*

*Illi l-esponenti qatt ma riedet li temenda l-kundizzjonijiet fil-kuntratt u m'ghandha l-ebda interess li tipprova tiddiskuti dan l-fatt. Huwa l-interess uniku ta' zewg l-esponenti u tal-genituri teighu. Zewg l-esponenti missu jaf ben tajjeb illi l-intenzjoni ta' l-esponenti qatt sa mil-bidu net, ma kienet dik li tbiddel ir-residenza ta' uliedha b'mod permanenti minn maghha ghal ghand zewgha. L-ulied ghad ghandhom eta tenera hafna u ma jistax jitkellem ghalihom b'dawn l-allegazzjonijiet kontra ommhom ghaliex hekk jidirlu issa f'mument daqshekk delikat. It-tfal m'għandhomx jintuzaw bhala pika ghall-ebda sodisfazzjon ta' hadd. Lanqas m'għandu jidhol fin-nofs l-aspett finanzjarju sabiex wiehed jipprova jikkalkula l-livell ta' mhabba li genitur jista jkollu lejn l-ulied. Il-problema ta' l-esponenti keient proprju l-flus li s-somma li ghaddielha zewgha ma kinitx ser tippermettilha stabbilita ghal ghomorha. Kien hem mil-ftehim bejn iz-zewg partijiet illi l-missier accetta li ma jafasix fil-manteniment sakemm f'dawn ix-xhur l-esponenti issib saqajha. Izda r-rota daret mal-ewwel ghaliex issa dak li gie miftiehem bonarjament bejn il-partijeit sabiex temporanjament jikkolaboraw, spiccaw safa kontra l-esponenti stess! Illi li kieku ridet setghet l-esponenti darilha kollox u kif tara li rrangat il-problema taghha tmur tirrapporta lill-Ghassa tal-Pulizija li zewgha hadilha t-tfal. Izda dan hi ma ghamlitux ghax altru li ma tafx tikkomunika u mhux idonea li trabbi t-tfal, l-esponenti turi kemm hi mara matura minkejja kollox. Zewgha missu jgharaf japprezza dawn il-fatturi kollha u mhux jivvendika ruhu b'dan il-mod bla ebda raguni valida;*

*Illi tajjeb li jinghad ukoll illi mhux minnu xejn għal dak allegat u cioe illi l-esponenti irrifjutat kull tip ta' manteniment u li skond hu nonostante li dejjem hallas il-manteniment. L-esponenti tistqarr illi ghad hemm kontijiet pendent ta' spejjez edukattivi u ta' sahha li intnefqu ghall-uliedhom u li minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula mill-esponenti stess, zewgha ghadu sal-gurnata tal-llum konsapevolment ma hallasx l-kontijiet relattivi. Illi oltre dan il-fatt l-esponenti tikkontendi li hija kienet kuljum pracett wara l-iskola tiehu hsiebhom f'dak kollu li jehitgilhom u allura minkejja li hija xorta wahda baqghet kwazi fir-rutina ta' qabel ma' uliedha, waqt seduti ta' medjazzjoni kien hemm ftehim ghall-ahahr li tghaddi forma ta' manteniment ridott sakemm tigi fuq saqajha u li ta' dan filfatt kien ser jigi abbozzat ftehim. Minkejja dan l-intendiment l-partijeit ma waslux fi ftehim minhabba xeba arguemnti u paroli zejejd li beda jinholoq bejn l-partijiet. L-esponenti riedet kien zmien li t-tfal jergghu jirritornaw lura maghha gialdarba irrangat il-hinjiet tax-xoghol taghha u għalhekk il-ftehim temporanju gie propjru konkluz gialdarba twettaq dak li kellha bzonn tirranga l-esponenti stess. Zewg l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment izda jirrezisti milli jghaddilha t-tfal lura minkejja li talbithomlu diversi drabi !*

*Illi proprju ghalhekk l-esoponenti lesta li tghaddi l-manteniment ta' b'lura lil zewgha u li jigu ritornati lura t-tfal ghand ommhom kif hekk kien qabel. Ghal dawn ir-ragunijiet it-tieni talba ghandha tigi hekk michuda bl-ispejjez ghall-attur;*
*In kwantu ghat-tielet talba, L-esponenti toggezzjona li zewgha jigi ezonerat milli jibqa marbut ihallas manteniment ghat-tfal minuri ghar-raguni li l-istess qed jirrisjedu mieghu. Illi huwa pjuttost zleali ghall-ahahr li sfaccatament, zewg l-esponenti juza l-iskop li jinheles minn skond hu li jkun 'marbut' ihallas manteniment a skapitu ta' l-ahjar interess ta' uliedu. Illi missier l-minuri jahdem, ghandu s-sapport finanzjarju tal-genitrui tieghu u ghandu diga serhan tal-mohh li jkollu saqaf fuq rasu fuq ismu billi ghalkemm jilmenta bis-somma finanzjarja li jkollu jivversa lil martu ghall-uliedu, xorta wahda ghazel li jidhol f'intrigu u jintrabat ihallas il-loan li kienu hadu l-partijiet fuq d-dar matrimonjali. Li jibqa marbut ihallas il-loan tad-dar mhux problema ghal zewg l-esponenti. Li jibqa marbut ihallas manteniment ghal-uliedu li qieghed jara zejjed zewg l-esponenti meta huwa jaf li l-esponenti m'għandha l-ebda sapport finanzjarju ta' hadd jekk tigi darha mal-hajt u li tali manteniment ma taffordjahx hi*

*personalment. Imma dan kollu l-esponenti ma jimpurtahx ghax issa sabu komdu li wara l-iskola hemm martu u l-genituri teighu li jiehdu hsieb t-tfal sakemm huwa jkun ix-xoghol jahdem. Hija ragonata li zewg l-esponenti hassu iktar komdu li ma jhalalsx manteniment waqt li hemm haddiehor jiehu hsieb lill-uliedu. Ghagir bhal dan huwa ingust ghall-ahhar quddiem il- Gustizzja. Ghal dawn ir-ragunijiet it-tielet talba attrici ghandha tigi michuda ghal kollox bl-ispejjez kontra l-istess attur;*

*Illi in kwantu r-raba' talba attrici, l-esponenti tikkontesta tali talba li thallas a favur zewgha, manteniment kif hekk jippretendi hu stess fis-somma ta' Eur 300 kull xahar jew somma ohra verjuri oltre nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni, nonostante id-dmir tieghu li jhallas ghalihom kien warrbu ghal kollox, huwa jaf ben tajjeb illi:- 1)mhux possibbli ghall-esponenti li thallas tali somma gialdarba m'ghandiex l-istess introjtu li ghandu zewgha, 2)l-esponenti a kuntrarju ta' zewgha m'ghandha l-ebda sapport iehor finanzjarju li tista tirrikorri ghalih f'kaz li tinzerta darha mal-hajt, 3) l-esponenti tiddikjara u tishaq li ma jezistu l-ebda problemi li jimpedixxu lilha milli tiehu hsieb lill-uliedha b'mod ezemplari kif wara kollox dejjem ghamlet sal-gurnata tal-llum. L-esponenti ghandha kull interess li tiehu hsieb lill-uliedha u tgawdihom b'tali mod li jkun dejjem fl-ahjar interess ta' l- istess ulied li wara kollox, l-ghagir taghha li temporanjament tafda lill-uliedha ghand il-missier sakemm hija ssolvi l-problema li kellha fil-hinijiet tax-xoghol juri kemm kien gest matur ta' genitur li ghazlet li timxi b'mod sincier ghall-ahhar ma' zewgha li wara kollox kien il-hsieb taghha li dak il-pass kienet qieghda taghmlu bl-intendiment li kien pass fl-ahjar interess ta' l-ulied. Certament ta' hekk ma gitx apprezzata anzi attakata minn zewgha stess! Ghal dawn ir-ragunijiet ir-raba talba attrici ghandha tigi hekk michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Dicembru 2013 fejn il-Qorti awtorizzat lill-attur sabiex jipproċedi b’kawża *entro* t-terminu stabbilit mill-liġi;

Rat id-digriet tal-20 ta' Marzu 2014[4] fejn il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur illi *pendente lite* l-aħwa B għandhom ikomplu jirrisjedu mal-attur filwaqt li l-konvenuta jkollha aċċess kuljum, illi l-attur ma jħallasx iktar manteniment lill-konvenuta għal uliedhom u ordnat li l-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn (200) Ewro fix-xahar għall-minuri;

Rat id-digriet tat-2 ta' April 2014[5] li permezz tiegħu l-Qorti ħatret lil Therese Micallef bħalha *social worker* u lil Dr Tanya Sammut Catania bħala avukat tat-tfal biex jagħmlu evalwazzjoni professjonali dwar ma' min għandhom jirrisjedu l-minuri u dwar l-aċċess tal-ġenitur l-ieħor;

Rat id-digriet tal-10 ta' Awwissu 2014[6] li permezz tiegħu ordnat li l-minuri jibqgħu jirrisjedu ma' missierhom filwaqt illi l-omm ikollha aċċess għalihom nhar ta' Tlieta bejn l-4:00pm u s-7:00pm, u b'mod alternat, minn nhar ta' Ġimgħa fl-4:00pm sal-għada s-Sibt fis-6:00pm, u l-ġimgħa ta' wara, mis-Sibt fl- 4:00pm sal-għada l-Ħadd fis-6:00pm. Inoltre, obbligat lil omm li tieħu lit-tfal għall-attivitajiet tagħhom meta dawn jinzertaw fil-ġranet tal-aċċess tagħha;

Rat id-digriet tal-4 ta' Ġunju 2015[7] fejn laqgħet it-talba tal-attur u ordnat li l-konvenuta tara lill-minuri darba fil-ġimgħa għal siegħa u nofs taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ;

Rat il-verbal tal-1 ta' Diċembru 2015[8] li bih ħatret lil Dr Anna Mallia bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tkompli tisma l-provi li fadal fil-kawża;

Rat id-digriet tat-22 ta' Frar 2016[9] fejn ordnat illi l-aċċess b'superviżjoni jibqa' jinżamm darbtejn fil-ġimgħa b'dan illi darba minnhom l-aċċess isir barra l-bini tal-Aġenzija Appoġġ;

Rat il-verbal tal-24 ta' Mejju 2017[10] fejn irrevokat l-inkarigu ta' Dr Anna Mallia u ssostitwitha bl-istess inkarigu u fakultajiet b'Dr Greta I Agius;

---

[4] Fol.83.
[5] Fol. 101.
[6] Fol. 110.
[7] Fol. 128.
[8] Fol. 181.
[9] Fol. 216.
[10] Fol. 322.

Rat id-digriet tat-22 ta' Ġunju 2018[11] fejn il-Qorti laqgħet ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Appoġġ u ordnat illi l-omm tara lill-minuri fl-Agenzija Appoġġ nhar ta' Erbgħa, b'dan li jekk l-impenji tat-tfal jinbidlu din il-ġurnata jkollha tinbidel ukoll u d-digriet tal-15 ta' Settembru 2018[12] fejn speċifikat illi l-aċċess taħt superviżjoni nhar ta' Erbgħa jseħħ bejn l-4:00pm u s-7:00pm;

Rat id-digriet tal-21 ta' Jannar 2019[13] li bih laqgħet it-talba tal-attur biex tiddikjara illi temporanjament u pendenti bdil pożittiv fiċ-ċirkostanzi, il-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata esklussivament f'idejn il-missier attur;

Rat il-verbal tat-8 ta' Mejju 2019[14] li bih ħatret lil Dr Maria Dolores Gauci bħala Assistent Ġudizzjarju bis-soliti fakoltajiet;

Rat il-verbali kollha u r-rapporti kollha tal-professjonisti involuti fil-każ odjern;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm permezz ta' affidavit u kif ukoll *viva voce* quddiem din il-Qorti;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[15]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Wara li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni u ftehmu *inter alia* dwar il-kura u kustodja, l-aċċess u l-manteniment tat-tfal tagħhom E li twieldet fl-4 ta' Lulju 2010 u D li twieled fl-14 ta' Jannar 2006, issa permezz tal-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob varjazzjoni fit-tali

[11] Fol. 378.
[12] Fol. 400.
[13] Fol. 417.
[14] Fol. 423.
[15] Verbal a fol. 570.

kuntratt. Huwa jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li Artikolu 5.1 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni datat 5 ta' Novembru 2012 iffirmat bejn il-kontendenti għandu jiġi emendat u t-tfal għandhom jistabbilixxu r-residenza ordinarja mal-missier, filwaqt li Artikolu 5.7 tal-istess kuntratt jiġi emendat b'dak illi l-konvenuta tingħata dritt ta' aċċess xieraq għall-istess minuri, tilliberah mill-obbligu li jħallas manteniment *ai termini* tal-Artikolu 5.13 tal-kuntratt u tiddeċiedi dwar manteniment li għandu jitħallas lilu għaż-żewġ minuri.

Il-konvenuta permezz tar-risposta ġuramentata tagħha toġġezzjona għat-talbiet kollha tal-attur u tgħid li hija qatt ma riedet li temenda l-kundizzjonijiet fil-kuntratt u li m'għandha l-ebda interess li tipprova tiddiskuti dan il-fatt.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mressqa Minnu:*

1. *L-attur jippreżenta l-affidavit tiegħu permezz ta' nota tad-19 ta' Frar 2014*[16] u permezz tiegħu jgħid illi huma sseparaw wara talba ta' martu l-konvenuta għal raġuni li għadu ma ngħatax. Jgħid li meta nnegozjaw il-kuntratt ta' separazzjoni huwa kien aċċetta illi t-tfal jgħixu ma' martu għaliex din kienet ser tgħix ma' missierha u hu kien ser jarahom kuljum u hekk ikollu kontroll jekk dawn humiex jitrabbew sew. Huwa jgħid li ngħata l-parir li jekk l-affarijiet jinbidlu jista' jerġa' jmur il-Qorti. Jgħid li l-kundizzjoni li ġiet diskussa bejniethom kienet illi l-konvenuta tibqa' tgħix ma' missierha iżda din il-kundizzjoni ma setax jiktibha fil-kuntratt. Hu jgħid li qatt ma emmen li l-konvenuta setgħet tgħix weħedha minħabba xi problemi li kellha.

   Fil-kuntratt kien mifthiem ukoll illi l-attur jagħti lill-konvenuta s-somma ta' tnejn u ħamsin elf (52,000) Ewro bħala sehemha mid-dar matrimonjali. Ftit wara l-iffirmar tal-kuntratt, l-attur jgħid li l-konvenuta marret xtrat karozza moderna meta din ma kinitx issuq meta kienet miegħu.

[16] Fol. 32.

Għal-ewwel wara s-separazzjoni l-konvenuta kienet tgħix ma' missierha ġewwa Santa Luċia u minħabba f'dan huma biddlu l-iskola tat-tifel għaliex huwa kien imur Marsascala u għalhekk kien komdu għaliha li t-tifel imur Santa Lucia. Imbagħad jgħid li telqet minn ma' missierha u marret tgħix Ħal Tarxien u għalhekk it-tifel kellu jerġa' jbiddel l-iskola. L-attur ma kienx jaf fejn qed toqgħod il-konvenuta għaliex din qatt ma qaltlu u allura lanqas kien jaf f'liema kundizzjoni jgħixu t-tfal tiegħu. Jgħid li anke fiż-żwieġ il-konvenuta kellha problema ta' komunikazzjoni u kienet tibża minn ħafna affarijiet u għalhekk ma kinitx ta' weħedha iżda anke fuq parir legali ddeċieda li jagħtiha ċans sabiex jara kif imorru l-affarijiet.

Jgħid li f'dawk ix-xhur li kienu jgħixu magħha "*Gieli sibtilhom lunch ta' jiem qabel mghaffeg gol-basket ta' l-iskola, hwejjeg mahmugin immens, uniformijiet mahmugin, hwejjeg ta' that mahmugin u mhux imbiddlin. Kont gieli nidhol ghandha id-dar Tarxien u l-istat tad-dar kien hazin hafna tant li anke t-tfal gieli kienu jkunu sewda fahma ghax qabdet u dahlet go appartament mahmug minghajr ma naddfitu. Hekk ukoll jiena kont hadt inizjattiva sabiex nara it-tifel kif kien sejjer fl-iskola ghax it-tifel gieli qalli illi ma kienx imur skola u ircevejt informazzjoni mis-surmast ta' l-iskola tat-tifel illi kien qieghed ifalli spiss l-iskola ghal ebda raguni valida. It-tifla li kellha speech problem kienet baqghet kif kienet u ftit li xejn kienet qed tinghata kura u għajnuna professjonali.*"[17]

Jgħid li fis-Sajf tal-2013 il-konvenuta nfurmatu illi riedet toħroġ taħdem u ma ftehmux kif ser jibdew iżommu lit-tfal u għalhekk hija fetħet medjazzjoni u wara l-ewwel seduta l-partijiet ftehmu li t-tfal imorru jgħixu miegħu u dawn baqgħu jgħixu miegħu minn dak iż-żmien. Huwa jgħid li dan ma kienx ftehim temporanju tant li biddlu l-iskola tat-tfal għal Fgura fejn kienu qed jgħixu mal-missier. Jgħid li dan kien ftehim bil-ħsieb li jaslu għal kuntratt finali li bih kellhom jimxu fil-futur b'mod permanenti.

Jgħid li l-konvenuta bdiet tiġborhom kuljum mill-Klabb 3-16 iżda hija dejjem eżerċitat l-aċċess b'mod sporadiku u nkonsistenti. Huwa

[17] Fol. 34.

jgħid li l-konvenuta kienet qablet kompletament li t-tfal jgħixu miegħu iżda bidlet fhemitha meta ndunat li trid tħallsu l-manteniment. Jgħid li għalkemm huwa kien diġà taha sebgħa u għoxrin elf (27,000) Ewro cash, kif ukoll ħadet il-flus mill-kont bankarju, hija qalet li nefqithom kollha u bdiet tgħid li trid it-tfal lura. Jgħid li mhux talli ma rranġatx il-ħinijiet tax-xogħol sabiex tkun tista' tara lit-tfal tant li bdiet taħdem *overtime* u ftit li xejn kien ikollha ħin għat-tfal. Jgħid li l-aċċess kien isir skont kif tiddetta hi, ħafna drabi fl-aħħar minuta u skont il-bżonnijiet tagħha. Jgħid li l-familja kien ikollha tbiddel il-pjanijiet għaliha.

Jgħid li miegħu t-tfal jinsabu *settled* ħafna, għandhom rutina u ħajja stabbli filwaqt li ma' ommhom tgħix terza persuna li spiss ikollu kelb jorqod magħhom għalkemm it-tifla tibża' ħafna minnu. Jgħid li manteniment ma kinitx qed tagħtih minkejja li tgħid li nefqet sebgħa u għoxrin elf (27,000) Ewro *cash* f'sena, għandha karozza moderna u lit-tfal għall-Milied xtratilhom tablet u PSP. Huwa jgħid li minkejja li jkollu jagħmel sagrifiċċji kbar biex it-tfal iżommhom miegħu u jiddedika l-ħin tiegħu kollu għalihom meta ma jkunx ix-xogħol iżda jemmen li miegħu qiegħdin stabbli u għandhom jibqgħu jgħixu miegħu għalkemm għandhom iqattgħu ħin ma' ommhom. Jgħid li jixtieq li professjonisti jevalwaw is-sitwazzjoni sabiex jiġi deċiż x'inhu l-aħjar interess tat-tfal.

Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2017 huwa jippreżenta żewġ sentenzi[18] waħda mogħtija mill-Maġistrat Doreen Clarke fis-16 ta' Marzu 2014 u l-oħra mill-Maġistrat Joe I tal-5 ta' Jannar 2017 li jikkonfermaw li l-*partner* tal-konvenuta ma' min kienet tikkoabita u tħalli l-minuri qabel bdiet tarahom l-Appoġġ ġie misjub ħati ta' serq u droga.

2. _*Affidavit ta' H I ossija oħt l-attur intavolat permezz ta' nota tad-19 ta' Frar 2014[19]*_ li tgħid li hi ma tantx taf lill-konvenuta bħala persuna għaliex din kellha problema biex tikkomunika u l-iktar l-iktar kienet isselmilha jew tawguralha xewqat sbieħ lit-tfal tagħha f'għeluq sninhom. Tgħid li hi tista' tixhed dwar dak li kienet tara fl-

[18] Dok. X u Dok. Y a. fol. 301.
[19] Fol. 32.

okkażjonijiet li jew marret għand il-konvenuta jew il-familja ta' ħuha marru għandha.

Hija tgħid li hi kellha esperjenza mal-ħamest itfal tagħha u bħala *psychological/social support officer* fejn tgħin nies b'diffikultajiet fil-ħabż u li kienet tipprova tgħin lill-konvenuta sabiex din tiftaħ qalbha magħha għaliex kienet tidher li kellha xi problemi, madanakollu tgħid li mal-konvenuta qatt ma rnexxielha. Tgħid li meta ħuha kien ser jissepara kienet offriet l-għajnuna tagħha mingħand xi ħadd f'dan il-qasam (għaliex tgħid li ma stennietx li l-konvenuta ser tkun komda magħha) u dan mhux biex tipperswadiha ma tisseparax iżda biex tgħinha ġġib ftit ordni f'ħajjitha. Tgħid madanakollu li kif kienet karatteristika tagħha din ma għamlitx reazzjoni u fil-fatt hi kienet tagħmel hekk ukoll mat-tfal tagħha u ma' ħuha.

Tgħid li meta ġieli marret għandha d-dar kienet "*dizordinata u lil hinn minn kull stat ta' sanita aċċettabbli.*"[20] Tgħid li hi għandha ħamest itfal u għalhekk taf kif tkun dar bit-tfal iżda li dan ma kienx stat aċċettabbli. "*Kien hemm bicciet ta' l-art max-xugamani u mall-qliezet ta' that ta tfal, u t-toilet kien ikun fi stat aghar minn dak ta' konvenjenza pubblika. Id-dar kienet mqalba ta that ta fuq mill-bieb ta' quddiem sal-kmamar ta' gewwa nett. Li kieku kienet tahdem full time ukoll ma kenitx tkun accettabbli l-iktar meta kien hem zewgt itfal zghar izda C ma kenitx tahdem f'dan iz-zmien partikulare u kienet gurnata shiha id-dar minn filghodu sa filghaxija.*"[21] Tgħid li kienet tgħidilha li hi ma kinitx tbiddel ħrieqi maħmuġin u għalhekk it-tfal kienu jibqgħu maħmuġin sa filgħaxija sakemm jiġi mix-xogħol u jbiddlilhom l-attur.

Tgħid li t-tfal kellhom problemi kbar biex jikkomunikaw u tgħid li kienet tipprova tgħin lil ħuha u lill-konvenuta sabiex jgħinu lit-tfal f'din il-problema. Tgħid li qatt ma xtaqet li l-konvenuta taħseb li qisha qed twaħħal fiha u għalhekk kienet tgħid lil ħuha wkoll iżda peress li l-konvenuta kienet tkun iktar mat-tfal għax ma kinitx taħdem kienet tipprova tinkoraġġiha li tirrispondi għal kull ħoss li tagħmel it-tifla, sabiex biż-żmien tgħinhom jartikulaw il-kliem sew

[20] Fol. 41.
[21] Fol. 41.

billi tirrepeti l-kelma kif suppost, però ma kienx jirnexxilha ġġib reazzjoni mingħandha. Tgħid li anke l-mod kif kienet terfa' lit-tfal kien mod stramb u ħasbet illi setgħet tattribwixxi dan l-atteġjament għal nuqqas ta' mħabba materna f'żogħżitha però dawn il-problemi ma tranġawx hi u tikber u kienu jidhru fir-relazzjoni mat-tfal u mar-raġel. Tgħid li anke meta kienu jkunu qed jieklu bħala familja kultant il-Ħdud hija ma kinitx titniffes iżda tirreferi kull ma jkollhom bżonn it-tfal mal-attur.

Tgħid illi "*Kemm ilhom jghixu t-tfal ma' A, rajt li ghamlu progress kbir fil-komunikazzjoni u nikkonferma illi A izzomm it-tfal b'mod impekkabbli. Nghid ukoll illi huma jidhru kuntenti hafna u settled mal-missier. Innutajt ukoll illi wara li jigu minn ghand l-omm tfal ikunu xi ftit disorjentati u b'certu rabja jew dewjjaq. Meta nsaqsi l-D kif inhu sejjer ikollu ghajnejh miksurin u jien nghidlu li ommu thobbu u li qed tghamel li tista imma hu jghamel sinjal b'rasu li le u minn that l-ilsien jghidli "id dar- tieghi mad-daddy".*"[22]

Hija tgħid li għalkemm oġġettivament temmen li iktar ta' benefiċċju għat-tfal li jibqgħu jgħixu mal-omm, f'dan il-każ ma tarax kif il-konvenuta omm tista' issa weħedha jirnexxilha tieħu ħsiebhom meta anke meta kellha sostenn ta' familja ma kienx jirnexxielha.

3. *<u>Affidavit ta' J B ossija omm l-attur intavolat permezz ta' nota tad-19 ta' Frar 2014</u>*[23] li tgħid li hi dejjem ppruvat li tkun ta' figura ta' omm għall-konvenuta peress li din tilfet lil ommha meta kienet żgħira. Tgħid li l-konvenuta kellha problema kbira ta' komunikazzjoni, tibża ħafna u kienet insikura ħafna. Tgħid li meta kellha t-tfal kienet tipprova tgħinha iżda dan ma kienx faċli għaliex il-konvenuta ma kinitx tikkomunika u allura kienet tgħinha billi ssajrilha u tibgħatilha l-ikel u taħslilha l-ħwejjeġ. Tgħid li l-konvenuta riedet tissepara wara li kienu għamlu konvenju biex ibiegħu l-post tagħhom u konvenju biex jixtru dar ikbar u għalhekk imbagħad l-attur binha kellu jieħu l-*commitment* tal-loan il-ġdida waħdu u jħallas il-manteniment lilha.

---

[22] Fol. 42.
[23] Fol. 32.

Tgħid li għalkemm kien iħallas manteniment lill-konvenuta għat-tfal, dawn kienu jieklu għandu jew għandha (għand ix-xhud) u kienet taħslilhom il-ħwejjeġ għaliex l-konvenuta omm ma kinitx iżżommhom fi stat tajjeb u dan għalkemm ma kinitx taħdem. Għalkemm tgħid li hi ma kinitx taqbel illi t-tfal jgħixu m'ommhom għaliex kienet tara li ma tafx tieħu ħsiebhom, l-attur aċċetta għaliex il-konvenuta aċċettat li tibqa' tgħix ma' missierha. Tgħid li hi taf dan għaliex kienet preżenti fil-kuntratt li kien sar il-bank sabiex tagħti garanzija. Tgħid li hija taf li missierha kien serju u żgur kien ser jieħu ħiseb lit-tfal u għalhekk ma kellhomx problema li l-konvenuta żżomm it-tfal. Tgħid li madwar ġimgħatejn biss wara s-separazzjoni l-konvenuta marret tgħix weħedha u ma kellhomx informazzjoni fejn qed jgħixu t-tfal u t-tifel (għaliex it-tifla kellha *speech deficiency* u ma tantx kienet titkellem) kien jgħidilha li ma kienx kuntent. Barra minn hekk kienu biddlu r-residenza diġà darbtejn. Tgħid li wara sena l-konvenuta reġgħet biddlet ir-residenza tagħha u marret tgħix Marsascala b'dak illi t-tifel kellu jerġa' jibdel l-iskola u għamlet dan mingħajr ma avżat lil ħadd. Hawnhekk l-attur propona li jżomm it-tfal hu u jibdew imorru l-iskola tal-Fgura fejn għadhom jattendu.

Tgħid li mbagħad f'Settembru 2013 il-konvenuta fetħet proċeduri ta' medjazzjoni għaliex riedet tibda taħdem u wara l-ewwel seduta baqgħu jgħixu mal-missier. Tgħid li rat diversi messaġġi u semgħet diversi telefonati fejn fl-aħħar minuta tavża lill-attur li ma kinitx sejra għat-tfal. Tgħid ukoll li rat rapporti mill-iskola tat-tifel illi juru li kienet tfallilu spiss kif kienet tfalli wkoll l-appuntament tat-tifla għal *ispeech therapy*. It-tifel kien jgħidilha wkoll li qed tesponihom għal terza persuna li ma kinux iħossuhom komdi magħha. It-tifel kien jgħidilha wkoll li kull meta ommu tgħaddi għalih kienet tieħdu jiekol *McDonalds*. Tgħid li kienet tinkwieta ħafna għat-tfal u għalhekk kienet kellmet anke hi lil *ispeech therapist* li qaltilha li l-konvenuta ħadet lit-tifla darba biss. Tgħid li l-konvenuta kienet tgħid li hi tħobb tindaħal iżda tgħid li hija ma setgħetx ma tindaħalx minħabba li kienet konċernata fuq it-tfal u li kienet tirrabja tara t-tfal f'dan l-istat. Tgħid li kienet tinkwieta kemm għall-iġjene tagħhom u anke ħabba l-kaos li kienet qed toħloq f'ħajjet it-tfal. Tgħid li kienet tħoss li kien dmira li tara li jkunu nodfa, f'ambjent stabbli, fejn jagħmlu l-

*homework* kuljum u jingħataw trobbija bilgħaqal u għalhekk dan kienet tarah bħala għajnuna mhux indħil.

Tgħid ukoll li t-tifel qal quddiemha li meta fil-*weekend* jorqdu għand ommhom ikun hemm ċertu F preżenti u li t-tifel ma kienx komdu miegħu. Dan kellu wkoll kelb u t-tifla kienet tibża minnu. Il-konvenuta ma nfurmatx lill-attur x'relazzjoni għandha ma' dan it-terz u jekk hux qed jgħix permanentement magħha.

<u>*Il-Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mressqa Minnu:*</u>

<u>*Il-konvenuta tippreżenta l-affidavit tagħha fis-seduta tal-1 ta' Awwissu 2022*[24]</u> fejn tilmenta illi ż-żwieġ tagħha kien mimli ndħil mill-familja tiegħu speċjalment minn omm l-attur u dan il-fatt wassal biex kisser iż-żwieġ tagħhom għaliex l-attur ma waqfilhiex u kien beża minn ommu u "*ħalliha tagħmel dak li riedet għax dehrilha hekk."*[25] Tgħid illi l-attur kien *mummy's boy* u baqa' kkakmat mad-dublett t' ommu, u l-kunjata tagħha ma aċċettatx illi hu issa jrid jgħix ħajja indipendenti mingħajr indħil min-naħa tagħha. Tgħid li l-kunjatu *"qisu ma kienx jidher imma kont ninnota li kien qisu jindaħal billi jimmanuvra minn taht billi qisu jinqeda bil-kunjata biex tippoppa sidirha ghal kull sitwazzjoni."*[26] Tgħid li hija ndaħlet anke fil-*hens party* u t-tieġ tagħhom.

Tgħid li għalkemm l-attur kien jaf li hemm dawn il-problemi hu qatt ma ħa *stand* fuqhom. Tirrakkonta kif omm l-attur kienet tmur meta tkun taf li qiegħda weħedha, u darba qaltilha li għalkemm it-tifel tagħha issa miżżewweġ xorta hi tikkmanda u li jekk il-konvenuta ma kinitx lesta taċċetta dik is-sitwazzjoni kellha titlaq. Tgħid li kienet tinqeda bil-fatt li meta xtraw dar flimkien hija ħarġet parti mill-flus u għalhekk kellha tibqa' tikkmanda hi. Tgħid li din l-attitudni minn naħa tal-ġenituri tal-attur u l-fatt li hu kien jakkomoda lil ommu f'kollox waslet biex tkisser iż-żwieġ tagħhom.

[24] Fol. 534.
[25] Fol. 535.
[26] Fil. 535.

Il-konvenuta tixhed ukoll *viva voce*[27] fejn tgħid illi xtaqet li ġġib lura t-tfal magħha iżda li f'dak il-mument hija ma kellhiex kuntatt mat-tfal. Tgħid li meta kienet tqila l-aħħar kienet dieħla u ħierġa l-isptar u kienet iċċempel lil tal-Appoġġ biex iġibulha t-tfal l-isptar u għalkemm kienu jgħidulha li sejrin ma kienux imorru.

Tirrakkonta li meta kienet għadha tiltaqa mat-tfal, fil-bidu t-tifel kien ikellimha u kien juriha li kien influwenzat minn missieru u n-nanna u li missieru kien jgħid li se jitfagħha l-ħabs u li huma ma riedux imorru jarawha iktar. Tgħid li t-tifla kienet tgħid li trid tmur magħha u tgħid li dejjem weħedha u ħadd ma jilgħab magħha. Tkompli li meta kienet taghtihom xi ħaġa kienu jgħidulha li n-nanna ħbietha għaliex tgħid li huma kienu jkunu dejjem man-nanniet. Waqt ix-xogħol taċċetta li t-tfal ikunu man-nanniet imma tilmenta illi wara x-xogħol il-missier kien jibqa' barra taparsi qiegħed ix-xogħol. Tgħid li n-nanna toqgħod Wied il-Għajn u l-missier il-Fgura.

Tkompli li t-tfal kienu jattendu l-aċċess superviżjonat imħarbtin, maħmuġin, it-tifla bl-imqaċċat fix-xitwa u t-tifel bi ħwejjeġ ta' missieru u hi kienet tiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema soċjali tal-Appoġġ għal dan. Tgħid li l-missier jaħdem mal-kumpanija tal-familja *Silver Craft* u li sa fejn taf hi kien *storekeeper* u kien jaħdem sal-erbgħa neqsin kwart ta' wara nofsinhar. Tirrepeti li omm l-attur kienet il-kaġun tad-diżgwid tagħhom u li hija kienet ħarġet tqila qabel iż-żwieġ u ommu kienet ħaditha bi kbira ħafna u ma ridithomx jiżżewwġu. Tgħid li għalkemm l-attur kien ħa gost li kienet tqila, kien imbagħad imur għand ommu u jbiddel il-ħsieb. Tgħid li hi ma riditx tiżżewweġ għaliex kien għad għandha wieħed u għoxrin sena iżda li minħabba ommu kellha tiżżewweġ. Il-konvenuta emozjonata tgħid li meta marru xtraw post, omm l-attur kienet marret magħhom u qabdet u ħallset id-*deposit* fuq post li l-konvenuta ma xtaqietx tixtri. Il-post inxtara miż-żewġ konjuġi. Tgħid li kienet theddidha anke biex ma toħroġx tqila u fiż-żwieġ kienet taqbad u tmur id-dar tagħhom b'ċavetta li taha l-attur u teħdilha l-ħwejjeġ biex taħsilhom u tarmilha l-affarijiet mill-fridge. Tkompli tirrakkonta illi hi kienet tikkmanda kollox fid-dar u l-attur kien joqgħod għal kollox

[27] Seduta tat-28 ta' April 2022.

għalkemm ma' oħtu ma kienux jagħmlu hekk. Meta żżewwġu tgħid li kienu dejjem jiġġiedlu. Tgerger li ma tantx kienu joħorġu u li l-attur meta ma kienx ikun xogħol kien jintefa fuq il-*playstation*.

Tkompli tixhed fis-seduta tal-1 ta' Awwissu 2022[28] illi anke meta t-tfal kienu trabi, omm l-attur kienet iċċempel u ssaqsiha tathomx jixorbu, x'libbsithom etc.[29] Tgħid li wara s-separazzjoni hija kienet sabet xogħol ta' waitress u talbet lill-attur iżommilha t-tfal fil-*weekends* filgħaxijiet u għalkemm l-ewwel aċċetta mbagħad ma żammx kellmtu u hi ma bdietx taħdem madanakollu t-tfal spiċċaw ma' l-attur u l-konvenuta tgħid li ma tafx għal-liema raġuni spiċċaw miegħu. Tgħid li għalkemm it-tfal suppost miegħu imma dawn kienu jkunu dejjem man-nanniet.

In *kontro-eżami,[30]* mistoqsija tgħid għalfejn wara li ftehmu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni li t-tfal ser joqgħodu magħha, it-tfal ħadhom l-attur, hija wara ħafna tlaqlieq tgħid illi l-attur kien imur jheddidha wara l-bieb tad-dar u ommu kienet tmur tagħmel ix-xenati. Tgħid li mbagħad beda jkollhom aċċess magħha li iktar il-quddiem beda jsir ġewwa l-Appoġġ iżda tgħid li ma tafx għalfejn ġie deċiż dan. Tgħid li mbagħad fl-2018 kellha tarbija u ma rathomx iktar lit-tfal.

Fit-8 ta' Marzu 2016, hija ppreżentat nota b'żewġ dokumenti, li jikkonsistu f'riżultat tal-*half yearly* tat-tifel D u ċertifikat mediku tas-saħħa tagħha li juri li hija issa ħielsa mid-droga.

Fid-dawl tal-fatt illi l-kawża odjerna saret fuq medda ta' 'l fuq minn għaxar snin, li fiha ġew preżentati għadd ta' rapporti u xehdu għadd ta' professjonisti, il-Qorti ser tgħaddi sabiex telenka tali xhieda u rapporti:

*Rapport tac-CDAU datat 27 ta' Jannar 2014 dwar il-minuri E ppreżentat mill-attur anness mal-affidavit tiegħu[31] -* Il-minuri dak iż-żmien kellha tliet

---

[28] Fol. 538.

[29] Id-difensur legali tal-attur tipprotesta ruħha għad-domandi li kienu qed isiru lill-konvenuta għaliex il-kawża saret ferm wara s-separazzjoni u għalhekk x'wassal għas-separazzjoni huwa rrelevanti iżda d-difensur tal-konvenuta jgħid illi t-tfal qiegħdin ibatu minħabba l-aġir u n-nuqqas responsabbilta min naħa tal-attur.

[30] Seduta tas-17 ta' Mejju 2023 a. fol. 565.

[31] Fol. 36.

snin u sitt xhur u l-missier kien konċernat illi t-tifla ma titkellimx daqs tfal ta' tamparha għalkemm tifhem dak li tgħidilha. Dak iż-żmien kienet ilha tattendi *Speech Therapy sessions* għal sena u nofs. Dak iż-żmien kellha wkoll *behavioural issues, phobias* mill-annimali u karozzi anke jekk vojta u pparkjati u diffikultajiet biex tintegra ma' ħaddiehor għalkemm kienet miġbuda ħafna lejn ħuha l-kbir. Mill-osservazzjonijiet kliniċi ħareġ illi t-tifla kienet miexja l-quddiem f'dak li huwa *creative play* u interess fi tfal oħra. Ħareġ ukoll illi t-tifla kienet tmur tajjeb ħafna maż-żewġ ġenituri u li kienet tħobb tilgħab magħhom, tgħannaq lil ommha u tgħajjat lil missierha. Iktar milli tilgħab magħhom kienet tħobb turihom il-ġugarelli. Fiżikament ħareġ li hija tifla b'saħħitha u l-konklużjonijiet kienu:

*Moderate speech and language delay*
*Moderate social anxiety*
*Behavioural difficulties: mild oppositionality*
*Moderate inattention and mild over activity.*

Ġie rakkomandat illi t-tifla jkollha *Learning Support Assistant if her behaviour diffuclties, inattention and overactivity together with her speech and langauage limitation are affecting her overall functioning in a classroom setting.*

<u>*Rapport tal-ħaddiema soċjali Therese Micallef datat l-4 ta' Awwissu 2014 appuntata mill-Qorti[32] sabiex flimkien mal-Avukat tat-Tfal jagħmlu evalwazzjoni professjonali dwar ma' min għandhom jirrisjedu l-minuri u dwar l-aċċess tal-ġenitur l-ieħor*</u> – il-minuri f'dan l-istadju kienu ilhom jgħixu mal-attur għal tmien xhur u ommhom kienet teħodhom fil-ħin tal-aċċess. Il-ħaddiema soċjali kellmet lill-partijiet u kif ukoll lit-tfal u marret kemm id-dar tal-konvenuta kif ukoll għand in-nanniet paterni. Il-ħaddiema soċjali kkonkludiet illi jirriżulta li l-minuri f'dak il-punt kellhom relazzjoni tajba maż-żewġ partijiet u wrew ix-xewqa li jqattaw ħin kemm ma' missierhom u kemm ma' ommhom. Mill-fatti rriżulta li l-ambjent fid-dar tal-omm ma kienx nadif ħafna per eż għalkemm it-tfal ma kienux raqdu magħha dakinhar li marret iżżurha, is-sodda kienet imqallba u l-lożor ukoll ma dehrux nodfa. Hija rrakkomandat illi l-minuri jibqgħu jgħixu

[32] Digriet tat-2 ta' April 2014 a. fol. 101.

ma' missierhom l-attur filwaqt li jkollhom aċċess għall-omm li jista' jkun kif ġej:

*Nhar ta' Tlieta bejn l-4:00 ta' wara nofsinhar u s-7.00 ta' filgħaxija;*
*B'mod alternat min nhar ta' Ġimgħa fl-4:00 ta' wara nofsinhar sas-Sibt fis-6:00 ta' filgħaxija, u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fl-4:00 ta' wara nofsinhar sal-Hadd fis-6:00 ta' filgħaxija;*

*Rapport tal-Avukat tat-tfal datat 7 ta' Awwissu 2014 appuntata mill-Qorti permezz ta' l-istess digriet tat-2 ta' April 2014*[33] *sabiex flimkien mal-ħaddiema soċjali jagħmlu evalwazzjoni professjonali dwar ma' min għandhom jirrisjedu l-minuri u dwar l-aċċess tal-ġenitur l-ieħor –* L-Avukat tat-tfal qablet mar-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-ħaddiema soċjali appuntata mill-Qorti u żiedet is-segwenti:

*Qieghed jigi ssuggerit illi l-omm għandha tigbor u tirritorna lura lit-tfal fir-residenza tal-missier b'dana illi fix-xhur skolastici, stante illi t-tfal jispiccaw 1- Klabb 3-16 fl-4:00p.m., l-omm ghandha tigbor lit-tfal mill-iskola bl-obbligu tal- missier illi f'kaz illi t-tfal ma' jkunux marru skola dakinhar minhabba kwistjonijiet ta' mard huwa ghandu jinforma minnufih lill-omm.*

*Illi in oltre qieghed jigi ssuggerit illi l-omm tkun obbligata illi tiehu lit-tfal ghall-attivitajiet taghhom meta dawn jinzertaw fil-granet tal-access taghha.*

*Miriam Bartolo, kap tal-iskola Fgura Primarja Skola A fejn kienet tattendi l-minuri E B tixhed waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2016*[34] *-* Tgħid li l-minuri E kienet qiegħda *year one* u li kienet batuta fl-iskola. Tgħid li t-tifla kellha bżonn *speech therapy* u ħafna għajnuna akkademika u li l-ġenituri kienu ġew infurmati b'dan kollu. Tgħid li progress ma kinitx qed tagħmel u li kienet għada qed issibha diffiċli anke biex tintegra ma' tfal oħra iżda li kienet kkurata sew fejn jidħlu ikel u ndafa.

---

[33] Fol. 101.
[34] Fol. 204.

*Nota tal-Aġenzija Appoġġ datata 22 ta' Jannar 2016*[35] *b'referenza għad-digriet tal-Qorti tat-2 ta' Lulju 2015* – li jirraportaw illi l-aċċess bejn l-omm u l-minuri kien qed isir b'superviżjoni wara ordni tal-Qorti, regolarment fejn waqt l-aċċess "*it-tfal igibu x-xoghol tal-iskola u gugarelli biex iqattghu l-hin taghhom mal-omm jistudjaw u jilghabu u min naha tal-omm dejjem tiehu hsieb li ggib l-ikel ghall-minuri u tikkuntentahom f'dak li jixtiequ".* Jirraportaw li l-omm kienet qed tuża s-servizz tad-Detox regolarment, tattendi dejjem għall-appuntament u dejjem tagħmel it-testijiet mitluba. Ir-rakkomandazzjoni kienet illi l-aċċess b'superviżjoni jibqa' jinżamm darbtejn fil-ġimgħa, b'darba minnhom tkun barra l-bini tal-Aġenzija Appoġġ.

*Lorian Busuttil, kap tal-iskola Fgura Primarja Skola B fejn kien jattendi l-minuri D B jixhed waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2016*[36] - jixhed illi l-*behaviour* ta' D kienet waħda impekkabli u li l-iskola ma kellha l-ebda problema bih. Huwa ppreżenta rapport redatt minnu u l-għalliem tat-tifel li jitkellem b'mod għal kollox pożittiv kemm dwar l-iżvilupp akkademiku tat-tifel kif ukoll dwar l-atteġjament tat-tifel ma' sħabu u l-parteċipazzjoni attiva tiegħu fil-klassi. Jgħid ir-rapport li kien hemm anke żvilupp fis-*self confidence* tat-tifel fl-aħħar xhur.

*Maria Sammut Debono, speech-language pathologist tixhed waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2016*[37] - Tgħid illi hija kienet tara lill-minuri D u fl-aħħar tas-sena 2015 ħasset li ma kellux bżonn iktar sezzjonijiet. Tippreżenta *progress report* tat-tifla sa April 2016 u tgħid illi t-tifla għamlet ħafna progress iżda li kien baqa' xi jsir. Tgħid li issa t-tifla saret tidħol weħedha fil-klinika meta qabel kienet tidħol man-nanniet. Tgħid li l-kawża tal-kundizzjoni tat-tifla tista' tkun ġejja minn ħafna fatturi "*genetic, exposure tat-tfal għal-lingwa, sitwazzjonijiet li jkunu għaddejjin minnhom."*[38] Ir-rapport[39] jikkonkludi illi "*Eh has shown significant improvement as regarding to behaviour, preverbal skills, receptive language skills, expressive language skills, literacy skills and social interaction and pragmatic skills. The child still needs further speech and language intervention to improve her attention control, receptive*

[35] Fol. 210.
[36] Fol. 229.
[37] Fol. 229.
[38] Fol. 230.
[39] Dok. MSD a. fol. 232.

*language skills of complex language, expressive language skills of long sentences, intelligibility of skills at sentence level and phonological awareness skills. Eh will continue receiving Speech and Language therapy services at Fgura community clinic."*[40]

*Xhieda ta' Adriana Gellel mill-Aġenzija Appoġġ fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2016*[41] *-* tixhed illi l-aċċess kien qed isir darba ġewwa l-Appoġġ u darba barra l-Aġenzija. Tgħid li l-omm iġġibilhom xi *snacks* magħha u joqgħodu jilgħabu u meta l-aċċess isir barra l-omm issaqsi lit-tfal fejn jixtiequ jmorru u tipprova tikkuntentahom. Tgħid li t-tifla għandha relazzjoni tajba ħafna ma' ommha u li t-tifel xi drabi jkun iktar riżervat. Fil-fatt it-tifla titnikker biex titlaq minn ma' ommha meta jsir il-ħin imma t-tifel le u fil-fatt hemm professjonisti oħra jaraw għalfejn it-tifel jaġixxi hekk ma' ommu.

*Xhieda ta' Rebecca Mangion mill-Aġenzija Sedqa fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2016*[42] *-* tixhed illi l-konvenuta għamlet użu mis-servizz tas-Sedqa minħabba l-problema tal-eroina u fittxet l-għajnuna minn jeddha. Tippreżenta rapport li jgħid illi *"C B came to Sedqa for the first time on the 9th March 2015 asking for service from our agency. She was also referred to Detox in order to receive medical attention due to her heroin abuse. After that initial assessment C never turned up for any sessions offered from our service and the service was terminated from Drugs Community Team. Notwithstanding this, C always kept contact with Detox and she attends there regularly holding sessions with Dr. Anna Vella. C is currently on a Methadone dose and goes daily for it at Detox. Dr. Vella stated that the client also kept a regular three shift employment and seems to be doing very well in maintaining a healthy lifestyle."*[43]

*Nota tal-Aġenzija Appoġġ datata 26 ta' Settembru 2016*[44] *b'referenza għad-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Awwissu 2016 li permezz tiegħu talbet lill-Aġenzija tirraporta dwar l-istat preżenti tal-omm u jekk hux possibli li l-aċċess iseħħ barra l-Aġenzija għal ħin itwal –* il-Qorti tiġi nfurmata li l-aċċess mal-omm qed isir regolarment darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn

[40] Fol. 235.
[41] Fol. 263.
[42] Fol. 263.
[43] Fol. 268.
[44] Fol. 275.

kull darba u li jinħass diżgwid bejn l-omm u l-minuri D minħabba li t-tifel iħoss li l-omm tagħmel distinzjoni bejnu u bejn oħtu. Filfatt l-omm tqatta' ħafna mill-ħin tilgħab mat-tifla. It-tifel u ommu darba minnhom bdew jargumentaw waqt l-aċċess u t-tifel kien ser jaħrab u jiġi konkluż illi minħabba li l-minuri għandhom diffikultà biex jikkomunikaw ma jidhirx li huma komdi jibdew iqattgħu ħin mal-omm mingħajr superviżjoni.

*Xhieda tal-psikjatra Joe Cassar fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2016*[45]- jgħid li lit-tifel rawh fil-21 ta' Mejju 2015 fiċ-*Child Psychiatric Services* u li hu personalment rah darbtejn. Jgħid li t-tifel ibati minn "*phobic anxiety symptoms in context of family problems mostly revolving around parental separation problems"*[46]*.* Jgħid li t-tifel maqsum bejn il-ġenituri u qed jagħmel sezzjonijiet ta' psikoterapija ma' C Aquilina. Jgħid li mhux każ ta' *child abuse.*

*Xhieda tat-tabiba Anna Maria Vella fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2017*[47] *bħala Senior Medical Officer SEDQA* – li tixhed illi l-konvenuta marret għas-servizz fl-24 ta' Marzu 2015 minħabba użu ta' sustanza illeċita, f'dan il-każ eroina. Fl-aħħar ftit żmien it-testijiet tal-awrina kienu qed jiġu tajbin, għandha xogħol fiss, iżżomm l-appuntamenti u toqgħod għal li jgħidulha.

*Nota tal-Aġenzija Appoġġ*[48] *datata 21 ta' Ġunju 2017* *b'referenza għad-digriet tal-Qorti tal-10 ta' Novembru 2016* – ir-rapport ma jinbidilx minn dak ta' qablu iżda issa t-tifel jgħid lill-ħaddiema soċjali illi jixtieq jibda jmur għall-aċċess darba biss għax qed iħossu wisq stressjat u jħoss ħafna piż fuqu. Tgħid li l-omm ma tantx tagħti każ il-bżonnijiet tat-tifel għaliex it-tifla toħdilha l-attenzjoni kollha u fil-fatt ġie rakkomandat illi l-aċċess mat-tifla jibqa' darbtejn fil-ġimgħa iżda għat-tifel jibqa' darba fil-ġimgħa.

*Rapport tal-Aġenzija Appoġġ preżentat permezz ta' nota fil-11 ta' Settembru 2017*[49] - tiġi rapportata diffikultà fil-ħinijiet tal-aċċess fejn il-ħaddiema tal-Aġenzija jgħidu illi ma kienx qed ikun hemm stabbiltà fil-ħinijiet tal-aċċess minħabba x-xogħol tal-konvenuta u l-attivitajiet extra

[45] Fol. 281.
[46] Fol. 281.
[47] Fol. 301.
[48] Fol. 323.
[49] Fol. 334.

kurrikurali tat-tifel. L-omm ma kkoperatx sabiex l-aċċess ta' nhar ta' Ħamis li jaħbat mal-futbol tat-tifel jinbidel. Jidher ukoll li l-konvenuta tagħti iktar attenzjoni lit-tifla. Jingħad illi l-missier dejjem kien qed jieħu lill-minuri għall-aċċess imma t-tifel spiss kien qed jirrifjuta li jmur u jidher li t-tifel għandu nuqqas ta' rabta emozzjonali mal-omm. It-tifel jidher li huwa kwiet u ma jaqlax argumenti filwaqt li t-tifla hija iktar persistenti għal dak li tkun trid. Ir-rakkomandazzjoni tkun illi *"Is-social worker hija tal-umli fehma li l-aċċess jibqa' superviżjonat u jkun miftiehem ħin stabbli u konsistenti. Minħabba n-nuqqas ta' qbil dwar il-ġranet u l-ħinijiet, is-social worker hija wkoll tal-fehma li l-aċċess b'superviżjoni jsir nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha mill-ħamsa ta' filgħaxija sas-sebgħa ta' filgħaxija minħabba l-iskola tal-minuri u anke fis-sajf minħabba attivitajiet sportivi tal-minuri D."*[50]

<u>Rapport tal-Aġenzija Appoġġ ippreżentat permezz ta' nota fit-23 ta' Ottubru 2017[51] </u>- jiġi rapportat li kien qed ikun hemm diffikultajiet fil-ħinijiet tal-aċċess għaliex minkejja li t-tfal kellhom l-attivitajiet il-konvenuta baqgħet tinsisti li tagħmel kif riedet hi u meta l-ħaddiema soċjali nfurmatha li t-tfal ma setgħux jattendu l-aċċess hija ħassret is-sezzjoni. Jidher li t-tifel kien qed juri skumdita` rigward l-aċċess anke mal-*counsellor* tal-iskola iżda l-attur dejjem kien jieħu liż-żewġt itfal għall-aċċess. Jiġi rakkomandat illi

*"1) l-aċċess jibqa' superviżjonat u jkun miftiehem ħin stabbli u konsistenti. Minħabba n-nuqqas ta' qbil dwar il-ġranet u l-ħinijiet, is-social worker hija wkoll tal-fehma li l-aċċess b'superviżjoni jsir nhar ta' Tlieta mill-ħamsa ta' filgħaxija sas-sebgħa ta' filgħaxija u nhar ta' Sibt mis-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar sal- erbgħa u nofs ta wara nofsinhar fejn jistgħu jattendu ż-żewġ minuri.*
*2) li l-minuri D ikollu aċċess mas-sinjura B darba fil-gimgħa. Dan minħabba l-attitudni tat-tifel waqt l-aċċess b'superviżjoni kif ukoll mill-informazzjoni li inġabret mill-counsellor ta' l-iskola.*
*3) Li s-sinjura B tattendi kors fil-Parenting Skills fi ħdan l-agenzija Sedqa sabiex titgħallem kif tikkomunika aktar b'mod pożittiv mall-minuri uliedha."*[52]

---

[50] Fol. 341.
[51] Fol. 346.
[52] Fol. 348.

*Rapport tal-Aġenzija Appoġġ preżentat permezz ta' nota fl-4 ta' April 2018*[53] - jiġi rapportat illi l-aċċess ta' nhar ta' Tlieta huwa sospiż fuq talba tal-konvenuta.

*Rapport tal-Aġenzija Appoġġ preżentat permezz ta' nota fil-21 ta' Mejju 2018*[54] - jiġi rapportat diżgwid bejn il-konvenuta u l-ħaddiema soċjali għaliex il-konvenuta bdiet turi nuqqas ta' fiduċja fil-ħaddiema soċjali u theddidhom illi jekk jiġri xi ħaġa lit-tfal ikun tort tagħhom. Il-konvenuta kienet bdiet taħdem *shifts* differenti minn ġimgħa għal ġimgħa u għalhekk l-aċċess ma kienx għadu fi ġranet fissi u ma kienx qed ikun hemm qbil reċiproku rigward il-ħinijiet. Ġie rakkomandat illi għandu jkun hemm ġurnata fissa biex tinħoloq rutina għall-minuri u ma jkollhomx għalfejn jikkanċellaw l-attivitajiet extra kurrikulari.

*Rapport tal-Aġenzija Appoġġ ippreżentat permezz ta' nota fil-31 ta' Lulju 2018*[55] - jiġi rapportat illi wara li l-aċċess kien qed ikun eżerċitat b'inkonsistenza u wara li l-Qorti ordnat b'digriet tat-22 ta' Ġunju 2018 li l-aċċess isir kull nhar ta' Erbgħa ġewwa l-Aġenzija Appoġġ, l-omm irrifjutat li tibqa' tmur għall-aċċess u għalhekk ma kellhiex iktar kuntatt mat-tfal. Il-missier spjega lill-ħaddiema soċjali illi t-tfal kienu qed jistaqsu għal ommhom. Ir-rakkomandazzjonijiet għalhekk kienu illi *"Minħabba impenji tal-minuri, is-social worker hija tal-umli fehma lí l-aċċess b'superviżjoni isir barra l-Aġenzija Appoġġ minħabba r-raġuni li s-sinjura B ma tixtieqx li tattendi għal sagħtejn fl-Aġenzija Appoġġ. Is-social worker hija ukoll tal-fehma li ikun hemm data u ħin fiss u li ma jinbidlux min ġimgħa għal ġimgħa. Għalhekk is-social worker tirrakomandi li l-aċċess b'superviżjoni jibda jsir nhar ta' Sibt mill-erbgha ta' wara nofsinhar sas-sitta ta' filgħaxija. Dan ukoll minħabba l-fatt li s-sinjura B qalet lil minuri D u E illi hija qiegħda tistenna tarbija u li x-xemx qiegħda tkun ta' detriment ghas-saħħa tas-sinjura B."*[56]

*Xhieda ta' Christine Debono, social worker fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ fit-taqsima tal-Court Services u SAVs fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2019*[57] - ix-

[53] Fol. 365.
[54] Fol. 369.
[55] Fol. 387.
[56] Fol. 389.
[57] Fol. 426.

xhud kienet ilha ssegwi l-każ għal madwar sentejn. Tgħid li l-aċċess beda jsir darba f'ġimgħa s-Sibt wara nofsinhar. Il-konvenuta mbagħad ħarġet tqila u kellha xi kumplikazzjonijiet u minn dak iż-żmien imbagħad l-aċċess waqaf. Wara madwar sena ma tarahomx hija kkuntatjat l-Appoġġ biex terġa' tara lit-tfal iżda l-ħaddiema soċjali nfurmawha li peress li kienet ilha ma tarax lit-tfal kellhom jaraw ix-xewqat tat-tfal ukoll.

Il-ħaddiema soċjali tkellmu mat-tfal u t-tifla xtaqet terġa' tara lil ommha għalkemm ħassitha konfuża meta saret taf li issa għandha tarbija u t-tifel ma kienx ċert jixtieqx jerġa' jibda jara lil ommu u għalhekk il-ħaddiema soċjali kienet ser tħalli l-eżamijiet tat-tifel jgħaddu u mbagħad terġa' tkellmu.

*Rapport ta' Christina Debono* *social worker fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ fit-taqsima tal-Court Services u SAVs datat 26 ta' Awwissu 2019*[58] - Minħabba li l-minuri kienu ilhom ma jaraw lil ommhom għal madwar sena il-ħaddiema soċjali ħasset li għandha tara x'inhuma x-xewqat tal-minuri. Saret *school visit* maż-żewġt itfal. Il-minuri E baqgħet konsistenti fi kliemha li trid terġa' tibda tiltaqa' ma' ommha. Il-ħaddiema soċjali ltaqgħet mal-minuri D kemm l-iskola u kif ukoll id-dar sabiex jilħaq jaħseb fit-tul dwar dan. Waqt is-*school visit* f'Mejju 2019 it-tifel kien xettiku iżda wera x-xewqa li jingħata ftit żmien biex jaħseb u għalhekk il-ħaddiema soċjali reġgħet kellmitu f'Awwissu 2019 meta marret tkellmu d-dar u dan kien konvint li ma xtaqx jiltaqa' ommu. Mistoqsi għalfejn, huwa jingħad li jgħid li ommu turi preferenzi ma' oħthu u ma jkunx imħeġġeġ jaraha.

Għaldaqstant il-ħaddiema soċjali rrakkomandat illi *"Ghaldaqstant, is-social worker hija tal-umli fehma, li jibda jsir access bejn is-sinjura B u l-minuri E. Dan l-aċċess għandu jsir gradwali u fil-bini ta' l-aġenzija sakemm jerġa jibda jkun stabbli. Filwaqt li ma jkunx hemm access fir-rigward tal-minuri D, sakemm juri interess jew xewqa biex jerga jibda access mas-sinjura B. Minħabba li fil-passat l-omm spiss kienet inkonsistenti u ma urietx stabbilita' fir-relazzjoni mall-minuri ikun għaqli li l-modalita' ta' l-aċċess tiġi riveduta minn żmien għal żmien wara li t-tfal ikollhom opinjoni f'dan u li ħadd iktar m' jkun preżenti ħlief l-omm."*[59]

---

[58] Fol. 448.
[59] Fol. 451.

### 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għall-prinċipju bażilari li jirriżulta mill-liġi u l-ġurisprudenza nostrana b'mod assolutament kostanti, jiġifieri illi kif ingħad fis-sentenza tal- fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[60]: *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Jingħad ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan G**,[61] u **Marlon Grech vs C Banks**[62] illi *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Il-Qorti, kif tenniet konsistentement tara ċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari, speċjalment fejn jidħlu minuri fejn kull każ iġib miegħu ħtiġijiet u neċessitajiet partikolari għal dawk il-minuri fl-ambjent li jipprovdulhom il-ġenituri tagħhom.

Il-liġi nostrana f'Artikolu 3B tal-Kap 16 tgħid kif ġej:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

Artikolu 7 tal-Kap 16 ikompli illi:

*"Il-**ġenituri** għandhom l-obbligu li jieħdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B"*

[60] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).
[61] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2017 (Rik. Ġur. Nru.268/11AL).
[62] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rik. Ġur. Nru.218/13AL).

Jekk ma jkunx iktar possibbli għall-miżżewwġin illi jibqgħu fir-rabta taż-żwieġ u għalhekk jisseparaw, il-Qorti, jekk il-partijiet jiġu quddiemha, trid tara min mill-konjuġi (jekk mhux konġuntivament) għandu jkollu l-kura u kustodja ta' dawk it-tfal. Artikolu 56 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**,[63] il-Qorti qalet illi "*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Dan ifisser illi għalkemm il-Qorti għandha l-obbligu illi tisma' ż-żewġ partijiet, hija trid tara li ma titħawwadx fil-lanjanzi miġjuba quddiemha mill-ġenituri kontra xulxin meta tiġi biex tiddeċiedi dwar dak li jolqot lit-tfal. Dan jista' jtellef milli tittieħed deċiżjoni oġġettiva dwar il-kura u kustodja u aċċess u kull deċiżjoni oħra fl-aħjar interessi tat-tfal. Huwa għal dan il-għan illi f'dawn it-tip ta' każijiet il-Qorti titlob l-opinjoni ta' esperti fil-qasam li jkunu jistaw jiltaqgħu maż-żewġ ġenituri, familjari tat-tfal u t-tfal infushom anke f'ambjenti li jkunu qed jittrabbew fihom it-tfal. Il-Qorti tisħaq illi kull deċiżjoni f'dan ir-rigward għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar interessi tat-tfal sabiex ikun żgurat illi dawn ikunu mdawwra bl-imħabba u l-għożża meħtieġa ta' ġenituri li huma kapaċi *li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw* lil uliedhom f'ambjent stabbli u kalm.

Il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**[64] osservat illi: "*Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla*

[63] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

[64] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008.

*u mhux mill-interess tal-genituri.* ***Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti*** *hu l-****istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

L-istess Artikolu 7 tal-Kap 16 hawn fuq ċitat jobbliga lill-ġenituri li **jmantnu** lil uliedhom. Kif jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-Liġi, iż-żewġ ġenituri għandhom l-istess obbligu versu wliedhom sabiex imantnu lil uliedhom kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, kkalkulati skont il-bżonnijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap 16. L-Artikolu 20 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust."*

Il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull

responsabbiltà tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.[65] Il-Qorti tissottolinea għalhekk li l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni.

Relevanti f'dan il-kuntest l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea**[66] fejn il-Qorti qalet illi "*Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."*

Joħroġ ċar mil-liġi nostrana u wkoll mill-Qrati li japplikawha, illi l-ġenituri għandhom iħossu din ir-responsabbiltà tal-ulied b'mod illi ladarba jġibuhom fid-dinja jridu jaraw li qed jiġu provduti b'ħajja xierqa għalihom, mhux kwistjoni ta' lussu iżda ħajja dinjituża kull wieħed skont il-bżonnijiet tiegħu. Kull wieħed mill-konjuġi irid jifhem din ir-responsabbiltà u ma jistax jevita illi jagħmel dan billi jistrieħ biss fuq il-parti l-oħra. Tgħallem fil-fatt din il-Qorti illi "*Il-messaġġ waħdini li din il-Qorti tkompli tgħaddi huwa li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pozizzjoni fizika, mentali u finanzjarja li jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilita' li jġibu magħhom l-ulied. It-tfal ma humiex ġugarelli, fejn tista' tifrah bihom f'mument u twarrabhom sekonda wara."*[67]

Fil-każ **Portelli Jennifer *pro et noe* vs Portelli John**[68], jingħad: *"l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."*

---

[65] Vide Tiziana G vs Redent Muscat deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019 (Rik. Ġur Nru. 272/2018); Liza Spiteri vs Luke Farrugia deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019 (Rik. Ġur Nru. 219/2018).

[66] Deċiża fil-31 ta' Jannar 2019.

[67] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' Ottubru 2021 (Rik. Ġur. Nru 64/2017AL)

[68] Deciża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Rik. Nru. 2668/1996).

Magħdud ma' dan ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[69] Kif jingħad mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Angela Conti vs Lawrence Bonnici**[70] "*Wiehed l-ewwelnett jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel il-Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skond l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas."*

Il-Qorti tara illi l-kwistjoni in diżamina hija marbuta ma' ftehim kontrattwali bejn il-partijiet, u għaldaqstant il-*punto di partenza* għandha tkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet – *ċioé* huwa liġi għall-partijiet u b'hekk għandu japplika l-prinċipju legali *pacta sunt servanda*. Tali prinċipju huwa inkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kap 16:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

Madanakollu l-Qorti ma hiex istituzzjoni riġida illi tapplika prinċipji rrelevanti miċ-ċirkostanzi partikolari ta' dak il-każ u l-kunsiderazzjoni illi l-bniedem huwa uman u għalhekk ċerta bidla maż-żmien tista' ġġib bdil ta' ċirkostanzi li wieħed ma jistax jibqa' jinjora. Fi kwistjonijiet fejn jidħlu t-tfal speċjalment, il-Qorti trid tifhem u tagħrbel sitwazzjonjiet ġodda u dan mhux biex toħloq turbulenzi iżda biex tkun ċerta illi l-interessi tat-tfal għadhom qed jiġu mħarsa f'kull żmien. Tgħallem fil-fatt il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **AB vs CD[71]:**

*"Fl-ewwel lok u fir-rigward tal-kwistjonijiet naxxenti miz-zwieġ li jolqtu biss lil mizzewġin, u ċjoe' inter alia, l-manteniment, is-suċċessjoni, il-molestar, il-kapaċita' legali, il-kunjom, ix-xoljiment, il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-*

---

[69] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur Nru. 152/16 AL).

[70] Deċiża fis-6 ta' Frar 2015.

[71] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Mejju 2021 (Rik. Ġur. Nru. 23/15AL).

*komunjoni tal-akkwisti, appena dawn il-kwistjonijiet jiġu deċizi mill-mizzewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom dawn għandhom jiġu meqjusa finalizzati definittivament, mingħajr il-lok li wieħed jista' jerġa' jittenta jidħol fil-mertu tagħhom quddiem il-Qorti, salv jekk jkun hemm xi qbil bejn il-partijiet nfushom. Min-naħa l-oħra u fit-tieni lok, dawk il-kwistjonijiet naxxenti miz-zwieġ izda li jolqtu ulied il-mizzewġin, u ċjoe' l-kura, kustodja, l-aċċess u l-manteniment, appena dawn jiġu deċizi mill-mizzewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom, dawn ma jistgħux jitqiesu bħala kwistjonijiet definittivi, għaliex jista' jkun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi li ma jkunx qiegħed jagħmel ġid lill-interessi tal-ulied, u b'hekk ikun meħtieġ li l-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni jerġgħu jiġu riveduti abbazi tal-bdil taċ-ċirkostanzi in kwistjoni.*

*Il-Qorti ma tarax xieraq u f'loku illi sabiex tiġi applikata rigorozament il-prinċipju tal-pacta sunt servanda, għandha taljena lilha nnifisha mill-interessi supremi tal-ulied. Dan zgur ma huwiex l-obbligu ta' din il-Qorti, u lanqas ma huwa fl-interess tagħha li tara li l-ulied ikunu l-vittmi tal-ġenituri tagħhom stess. Fl-aħħar mill-aħħar huwa proprju għalhekk li ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-leġizlatur pprovda lil Qorti tal-Familja bid-diskrezzjoni assoluta li tiddeċiedi skont kif jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi meta si tratta l-ulied, għaliex minħabba ir-reziljenza ta' bejn ġenituri li ma baqgħux flimkien bħala koppja, mizzewġa o meno, jista' jagħti l-kaz li l-interessi tal-minuri jiġu skartati minħabba l-ego.*

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti hawn għandha każ fejn wara li ġie ffirmat kuntratt ta' separazzjoni, l-attur ħass li ċ-ċirkostanzi nbidlu u għalhekk kellu jieħu lura lit-tfal li skont il-kuntratt kellhom jirrisjedu mal-omm. Għalhekk l-attur jitlob bidla fl-Artikoli tal-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejnu u bejn il-konvenuta f'dawk li jidħlu Artikoli li jirregolaw il-kura u kustodja, aċċess u manteniment tat-tfal D u E. Minn hemmhekk tibda battalja bejn il-partijiet li tieħu l-fuq minn għaxar snin b'dak illi t-tifel D illum huwa maġġorenni.

Il-Qorti tħoss li għalkemm kien hemm sforzi biex it-tfal jitrabbew f'ambjent stabbli, it-tfal kellhom wisq tibdiliet f'eta` tenera u dan mhux dejjem minħabba ċirkostanzi esterni għall-partijiet. Il-Qorti tħoss illi kien

hemm diversi mumenti fejn l-omm, anke jekk b'nuqqas ta' ħsieb, kienet qed iġġib lilha nniffisha l-ewwel qabel qieset l-aħjar interessi tat-tfal.

Għall-ewwel żmien qabel is-separazzjoni l-konvenuta marret tgħix ma' missierha, pass li l-Qorti tinnota li kien għaqli fid-dawl tal-fatt illi jirriżulta li l-omm kellha xi diffikultajiet personali. Mingħajr spjegazzjoni iżda, wara biss ftit ġimgħat l-omm telqet minn ma' missierha u marret tgħix weħedha. Il-Qorti tifhem illi l-omm għandha dritt illi tistabillixxi ħajja indipendenti wara li ż-żwieġ tagħha mal-attur ma rnexxiex għal kwalunkwe raġuni, madanakollu tħoss illi *de minimis* kellha tagħti ftit żmien qabel terġa' taqla lit-tfal mid-dar ta' missierha għal post ieħor jew ta' lanqas tispjega lill-attur x'kien qed jiġri u għalfejn il-bżonn daqsekk urġenti illi timxi. Il-bidliet li kellu jgħix it-tifel fejn il-ġenituri tiegħu ma baqgħux flimkien u mhux talli hekk talli kellu jbiddel għadd ta' residenzi u għadd ta' skejjel żgur ma humiex sitwazzjoni ideali għal tifel għadu qed jikber u dawn l-osservazzjonijiet jidher illi l-omm ma tatx kashom jew għalinqas tkellmet dwarhom.

L-attur u x-xhieda mressqa minnu jixhdu dwar nuqqas ta' komunikazzjoni tal-omm u fil-fatt din kienet problema li jidher li kienet ixxekkel l-omm milli tistabilixxi ħajja konsistenti mal-attur wara s-separazzjoni kif ukoll ma' uliedha. Wieħed jifhem illi wara s-separazzjoni jkun diffiċli għall-partijiet illi jibqgħu jitkellmu iżda fejn jidħlu t-tfal wieħed ma jistawx jevitaw dan u jaqbdu u unilateralment jieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jkollhom effett kbir fuq il-ħajja tat-tfal. Fil-fatt kif qalet il-Qorti fil-każ hawn fuq imsemmi fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Cauchi** id-deċiżjonijiet tal-ġenituri għandhom jittieħdu madwar il-bżonnijiet tat-tfal u mhux viċe versa.

Jidher dan ukoll fl-affidavit li ppreżentat il-konvenuta fejn titkellem biss dwar l-indħil ta' omm l-attur li minkejja li seta' kien ta' detriment għaż-żwieġ tagħhom, f'din il-kawża l-pern huma t-tfal u mhux il-problemi li kien hemm bejnha u bejn il-kunjata. Fl-ebda ħin fl-affidavit ma ssemmi għalfejn hi għandha żżomm it-tfal kif tgħid li tixtieq tagħmel jew tirribatti b'mod matur dak li kienet qed tiġi akkużata bih dwar in-nuqqas ta' kura lejn it-tfal tagħha jew dwar ir-relazzjoni li hi għandha magħhom. Jidher fil-fatt nuqqas ta' maturità fil-karattru tal-konvenuta illi għalkemm il-Qorti ma għandiex dubju li tħobb lil uliedha u li tixtieq li tqatta' ħin magħhom,

iżda n-nuqqas ta' maturità ixekkilha milli taħseb x'inhuma l-aħjar interessi tagħhom anke qabel ma tieħu ċerta passi f'ħajjitha. Dan ġara f'diversi istanzi tul il-kawża. Wieħed jista' jsemmi bħala eżempji s-segwenti:

- Il-ġiri minn dar għal l-oħra wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni;
- Il-ftehim fl-aħħar minuta dwar l-aċċess tat-tfal li jixhdu fuqu kemm l-attur u l-familjari tiegħu kif ukoll il-ħaddiema soċjali;
- It-tqala ġdida li kellha ma' terza persuna f'nofs żmien ta' nuqqas ta' stabbilta` mat-tfal tagħha stess;
- Nuqqas ta' kooperazzjoni mal-ħaddiema soċjali dwar l-aċċess tat-tfal anke jekk dan kien ifisser illi t-tfal tagħha kienu ser jitilfu l-attivitajiet tagħhom.[72]
- Relazzjoni li jidher li kien hemm mat-terz F G[73], li jidher li xellef dufrejh mal-ġustizzja iktar minn darba[74] (u li l-konvenuta fl-ebda mument ma ċaħdet li għandha relazzjoni miegħu) u li għalhekk ċertament li ma kienx l-aħjar mudell għat-tfal tagħha.

Wieħed ma jistax ma jsemmix ukoll il-vizzju tad-droga li għalkemm il-Qorti ma tistax tidħol fil-kif u l-come l-konvenuta inħakmet minn dan il-vizzju, żgur li ma hux vizzju illi ser jgħin omm tikkomunika aħjar mat-tfal tagħha u ssaħħaħ ir-relazzjonijiet magħhom. Jidher li għalkemm ix-xhieda xehdu li l-konvenuta kienet sejra tajjeb u kienet qed tittestja negattiv għad-droga, riżultati ppreżentati[75] juru li fl-2017 stess l-attriċi reġgħet irriżultat pożittiva għas-sustanza. Il-Qorti ma għandhiex quddiemha riżultati tat-testijiet tal-awrina riċenti għaliex il-konvenuta qatt ma ndenjat ruħha tipprova turi li hija ħelset minn dan il-vizzju billi tippreżenta xi prova minn dan l-aspett.

Jidher kemm fil-fatt fil-konkret id-deċiżjonijiet tal-konvenuta kienu qed jaffetwaw it-tfal meta t-tifla, mistoqsija[76] wara sena ma tarax lil ommha fl-2019 tixtieqx terġa' tara lil ommha, tgħid illi hija tixtieq terġa' tibda taraha madanakollu meta l-ħaddiema soċjali kellmuha dwar it-tarbija l-ġdida hija

[72] Rapporti tal-Aġenzija Appoġġ tal-11 ta' Settembru 2017 u tat-23 ta' Ottubru 2017.
[73] Li kif jgħid it-tifel kien qed jitħalla waħdu mat-tfal kif rappurtat fir-rapport mediku a. fol. 122.
[74] Sentenzi ppreżentati mill-attur fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2017 a. fol. 301.
[75] Fol. 325.
[76] Rapport tal-Aġenzija Appoġġ tat-3 ta' Lulju 2019.

tfixklet. L-omm tidher li fl-immaturità tagħha ma tapprezzax li kull pass li tagħmel f'ħajjitha tista' taffetwa lil uliedha li għandhom jibqgħu jiġu l-ewwel u qabel kollox.

Jidher illi l-konvenuta, minkejja li l-Qorti hija konvinta illi kellha mħabba lejn uliedha kif jixhdu wkoll diversi rapporti oħra tal-Aġenzija Appoġġ li jgħidu li l-omm kienet tipprova tikkuntenta lit-tfal u tilgħab magħhom etc., kellha tendenza li b'nuqqas ta' maturità l-ewwel tara l-bżonnijiet tagħha u mbagħad wara tara kif ser iddawwar lit-tfal madwar dawn il-bżonnijiet. Din l-attitudni ħolqot nuqqas ta' stabbiltà f'ħajjet it-tfal li l-Qorti dejjem tisħaq kontriha. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Miriam Cauchi *pro et noe* vs Francis Cauchi**[77] *"il-Qorti, ghalhekk, tistmerr l-attitudni ta' l-attrici li minflok tikkopera biex taghmilha facli ghat-tifla zzomm kuntatt ma' missierha, tippika u tinsisti fuq id-drittijiet taghha, u anke izzeffen fin-nofs lil hutha u membri ohra tal-familja taghha biex tara li tghaddi taghha. Il-Qorti tinnota li specjalment fil-bidu, il-konvenut kellu kemm-il darba jitlob l-intervent tal-Qorti biex ikun jista' jara lil bintu, ghax l-attrici kienet sfidat lil kulhadd, sahansitra lill-Qorti, u ma riedetx turi t-tifla lill-konvenut. Din il-Qorti lanqas ma trid li l-access jigi pprattikat bl-skossi. It-tfal ghandhom dritt ghall-istabbilita` f'hajjithom u fil-programm ta' kuljum u ta' kull gimgha."*

Jidher ukoll sens ta' passività minn naħa tal-omm illi minkejja allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' iġjene kemm minn naħa tal-attur u l-familjari tiegħu iżda wkoll minn naħa tal-ħaddiema soċjali[78] ma tidhirx li ppruvat turi li qed taħdem biex ittejjeb din is-sitwazzjoni. Dan l-element ta' passività joħroġ ukoll ċar fil-fatt illi ma tantx iġġildet biex hija tieħu lura t-tfal tagħha. Ċertu kliem fix-xhieda tagħha meta mistoqsija kif it-tfal spiċċaw mal-attur bħas-segwenti juru sens passiv:

**Dr Mark Busuttil:**
Ma kienux..., fejn kienu t-tfal?

**Xhud**:
diga'.

[77] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008.
[78] Rapport ta' Therese Micallef a. fol. 104.

**Dr Mark Busuttil:**
Allura kif spiccaw it-tfal ghandu?

**Xhud:**
**Dik li irrid inkun naf jiena. …**

**Dr Katya Mercieca :**
Dik trid tkun taf!?

**Xhud:**
Eh.. ghax ..

**Dr Katya Mercieca :**
Dik trid tkun taf kif spiccaw ghandu?! Wara dawk il-proceduri u fatti u sentenzi u affarijiet li graw! Din bis-serjeta? Bir-rispett kollu ta.

**Dr Mark Busuttil :**
Ghidli inti kif it-tfal spiccaw ghandu?

**Xhud:**
**... il-qorti..... ma niftakarx.**

Magħdud ma' dan huwa l-fatt illi wara li kellha tarbija oħra ma tidhirx li għamlet wisq attentati biex jerġa' jkollha kuntatt sew ma' uliedha tant li issa t-tfal ilhom ħames snin ma jarawx lil ommhom u l-omm ma' għamlet l-ebda tentattiv fil-kawża biex turi li tista' terġa' tiġi fdata bil-kustodja tagħhom.

Il-Qorti tħoss li min-naħa l-oħra għandha tissottolineja l-fatt illi mill-proċeduri ħareġ illi t-tfal ikunu ħin twil man-nanniet tagħhom. Għalkemm wieħed japprezza li l-missier irid joħroġ jaħdem, wieħed irid ifakkar illi t-tfal huma tal-ġenituri u mhux tan-nanniet u għalkemm huwa għaqli li wieħed jitlob is-sostenn tal-ġenituri tiegħu li jista' jafdahom bil-kura ta' uliedu, l-obbligi prinċipali jibqgħu tal-ġenituri nfushom.

Il-Qorti hawn trid tqis il-kwistjoni ta' kura u kustodja u r-residenza ordinarja tat-tifla tal-partijiet. Kif intqal, il-ġurisprudenza tgħallem li f'każi fejn żviluppaw ċirkustanzi differenti li qed jaffetwaw lil ulied, il-Qorti

għandha tmur lil hinn mill-vinkolu tal-*pacta sunt servanda* u tikkonsidra xi jkun għaqli li jinbidel fl-aħjar interessi tat-tfal. Illum it-tifel D għalaq it-tmintax-il sena u għalhekk il-Qorti m'għandiex is-setgħa iktar tiddeċiedi dwar il-kura u kustodja u residenza tiegħu. Hawn il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Miriam Cauchi *pro et noe* vs Francis Cauchi**,[79] fejn il-Qorti irriteniet illi hija "*tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom*". Dan l-insenjament kompla ġie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs Dorianne Polidano**,[80] fejn il-Qorti saħqet illi "*filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri*"

Tgħid l-istess sentenza fil-fatt dak li japplika għal dan il-każ *"Li wiehed jghid li f'din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa "understatement". Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal-Qrati tal-Gustizzja ewwel Qorti f'dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista' jigri fil-hajja ta' kull bniedem ikun hemm bzonn ta' decizjonijiet mghaggla u urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami."*

Magħdud ma' dan jidher ċar f'dan il-każ li l-omm għandha diffikultajiet kbar li jxekkluha milli tieħu fuqha l-kura u kustodja ta' wliedha. Jidher ċar ukoll mir-rapporti kollha ppreżentati f'din il-kawża, illi t-tfal dejjem kienu *settled* ma' missierhom u l-ebda rapport ma tkellem fin-negattiv dwar il-kura tal-missier. Fid-dawl tal-fatt ukoll li l-omm tidher li hija passiva f'dan ir-rigward il-Qorti hija konvinta li l-kura u kustodja tat-tifla E għandha tkun fdata esklussivament f'idejn il-missier bir-residenza ordinarja tagħha miegħu. Il-missier għandu wkoll jieħu d-deċiżjonijiet dwar saħħa u edukazzjoni hu fin-nuqqas ta' preżenza tal-omm ta' lanqas sakemm l-omm ma terġax tirritorna b'mod konsistenti f'ħajjet it-tifla.

---

[79] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).

[80] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' April 2015 (Rik. Ġur. Nru. 277/2012 RGM).

Kif ċitat iktar il fuq u jkompli jkun imtenni fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD**[81]: *"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""*

Il-Qorti madanakollu ma hiex b'daqsekk ser twaqqaf b'mod permanenti kull kuntatt bejn l-omm u l-minuri speċjalment fid-dawl tal-fatt illi t-tifla tal-partijiet konsistentement tul il-kawża wriet li trid tibqa' tiltaqa' ma' ommha u li kienet miġbuda sew lejha. Madanakollu hija moralment konvinta illi dan ma jistax isir qabel il-konvenuta ma turix ir-rieda soda li tixtieq terġa' tistabilixxi kuntatt konsistenti ma' bintha, kif ukoll li lesta tattendi għal terapija li għandha twassal għall-eventwali eżerċizzju ta' aċċess għall-minuri. Għal dan il-fini il-Qorti tappunta lill-psikologa Ms. Carmen Sammut (jew psikologu ieħor nominat mill-Qorti f'każ li jirriżulta li Ms. Carmen Sammut ma tistax jew ma tkunx f'pożizzjoni li tadempixxi dan l-inkarigu), sabiex a spejjez tal-konvenuta, iżomm sessjonijiet ta' terapija għall-konvenuta bil-modalita` u frekwenza li jistabblixxi l-Psikologu. L-iskop ta' tali eżerċizzju huwa biex iwassal għal sitwazzjoni fejn il-konvenuta teżerċita aċċess għal bintha kemm-il darba jsir rikors fuq rakkomandazzjoni tal-istess espert psikologu li jkun sar biżżejjed żvilupp fil-maturita` tal-konvenuta bħala omm, sabiex ir-relazzjoni ma' bintha tista' tibda tkun influwenza pożittiva għall-minuri speċjalment fi żmien ta' adoloxxenza li qiegħda fih il-minuri E.

In vista li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn l-attur u per konsegwenza l-minuri tgħix miegħu, il-konvenuta għandha minimament tivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri binthom. Kif ritenut fil-ġurisprudenza "*il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat*."[82]

---

[81] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Frar 2018 (Rik. Gur. Nru 39/17).
[82] *Vide* Tiziana G vs Redent Muscat (Rik. Nru. 272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (Rik. Nru. 219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019.

Skont artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta *Il-manteniment għandu jingħata skont **il-bżonn ta' min jitolbu** u **l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

Il-Qorti tikkonkudi illi l-missier ma għandux jibqa' marbut illi skont il-kuntratt iħallas manteniment lil omm meta huwa għandu l-kura esklussiva tal-minuri E. Hija l-omm li għandha tivversa retta alimentari lill-missier għal minuri. Jirriżulta li l-missier ma ġab l-ebda prova tal-bżonnijiet tal-minuri u għalhekk il-Qorti ma tistax tasal għal ammont kif jitlob Artikolu 20 tal-Kap 16 u jkollha tiddeċiedi fuq ammont minimu ta' mitejn (200) Ewro fix-xahar li fil-ħajja tal-lum tapprezza li huma bażiċi għat-trobbija tat-tfal. Dan l-ammont jinkludi fih spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-Artikolu 5.1 tal-kuntratt ta' Separazzjoni datat 5 ta' Novembru 2012 fl-Atti tan-Nutar Jonathan Zammit għandu jiġi emendat, b'dan li l-kura u kustodja tal-minuri E B tkun vestita esklussivament f'idejn l-attur u l-istess minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-missier, u tordna lil missier illi sakemm ma l-Qorti ma tordnax mod ieħor huwa jieħu waħdu deċiżjonijiet ordinarji u deċiżjonijiet dwar saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta' D B *stante* li dan ma għadux minuri;

2. Tilqa' t-tieni talba, u tordna li l-Artikolu 5.7 jiġi emendat b'dan illi l-konvenuta tingħata dritt ta' aċċess għall-minuri E b'dan pero illi għalissa tordna illi qabel ma d-dritt ta' aċċess tal-omm ikun eżerċitabbli, l-omm tattendi għal terapija li għandha twassal għall-eventwali eżerċizzju ta' aċċess għall-minuri. Għal dan il-fini il-Qorti tappunta lill-psikologu Ms. Carmen Sammut (jew psikologu ieħor nominat mill-Qorti f'każ li jirriżulta li Ms. Carmen Sammut ma tistax jew ma tkunx f'pożizzjoni li tadempixxi dan l-inkarigu), sabiex, a

spejjeż tal-konvenuta, jżomm sessjonijiet ta' terapija għall-konvenuta bil-modalita` u frekwenza li jistabblixxi l-Psikologu, u jkun l-istess Psikologu li jiddetermina meta u kif il-konvenuta tkun tista' tibda teżerċita tali dritt;

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-attur huwa liberat mill-obbligu li jħallas manteniment lil martu għall-minuri E B filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta' D B *stante* li dan ma għadux minuri, u kwindi l-Artikolu 5.13 jiġi emendat f'dan is-sens;

4. Tilqa' r-raba' talba u tiddeċiedi illi l-konvenuta għandha tħallas lill-attur manteniment għall-minuri E B fl-ammont ta' mitejn (200) Ewro fix-xahar li jkun jinkludi spejjeż ta' edukazzjoni u saħħa liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fil-konfront ta' D B *stante* li dan m' għadux minuri u l-attur ma ġabx prova illi dan għadu jistudja fuq bażi *full time*. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attur. Il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri E tagħlaq tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel;

5. Taħtar lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jippublika l-emendi għall-kuntratt biex jirriflettu d-deċiżjonijiet f'din is-Sentenza, kif ukoll l-Avukat Dr. Sue Mercieca għall-eventwali kontumaċi;

Bl-ispejjeż tal-kawża, kif ukoll tal-kuntratt u d-drittijiet professjonali tan-Nutar pubbliku u l-Avukat kuratur jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.